Diċembru 2009 • Vol 16 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Ħatra ta' Supretendent ġdid
- 90 sena Banda tal-Korp tal-Pulizija
- EULEX: Il-Missjoni tal-Unjoni Ewropeja għaż-żamma tal-ordni u l-ħarsien tal-liġi fil-Kosovo

*u aktar...*

**Newspaper Post**

# Professional Car Cleaning Products



ARMORALL

AUTO X5

STP



Oil treatment & fuel additives
Official sponsors of Blood Hound
(World speed record Holder)



CAR WASH X5

PORTOMASO

- Car wash in & out
- Engine wash
- Polish & Wax
- Interior & Engine Steam
- Valeting

Portomaso Carpark
Level - 3 St Julians
Tel: 2137 8822



L-INGLIZ

Cafeteria & Wine Lounge

19, St. John's Street Valletta

Mob: 99472443

Freshly made sandwiches & salads

A. ABELA AUTO X5

PO BOX 50 PAOLA E-mail: info@autoxsmalta.com
Tel: 21 821044 Fax: 21 821045 Mob: 99472443

Diċembru 2009 • Vol 16 • Nru. 4
IL-PULIZIJA
Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Mr. Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**




Cover:
Il-Banda tal-Pulizija flimkien mal E.T. l-President ta' Malta Dr. Abela L.L.D ġewwa San Anton.

Ir-ritratt meħud mis-Surġent Alfio Borg

# Werrej

**Diċembru 2009** • VOLUM 16 • NRU. 4













5 Editorjal
7 Messaġġ lill-Pulizija mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott Carmelo Mifsud Bonniċi
7 Messaġġ lill-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija is-sur John Rizzo
11 L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta
15 Mill-Akkademja tal-Pulizija
16 Id-Devozzjoni lejn is-SSmu Kurċifiss u d-Digriet tal-Indulġenzi li nagħta f'Ħal Qormi
19 WPIST – Turnament tal-Futbol ġewwa Eibergen, Olanda
21 Il-15-il Laqgħa tal-*Annual Programme Committee* tas-CEPOL tinżamm f'Malta
23 Istitut Bourguiba Tunis
27 Il-25 Anniversarju mit-Traġedja tal-Patrol Boat P23
30 Ħatra ta' Supretendent ġdid
30 Żjara mill-Onorevoli Dr Simon Busuttil, Membru tal-Parlament Ewropew
32 90 sena Banda tal-Korp tal-Pulizija
34 Il-Precision Drill Team fil-Malta Military Tattoo
37 EULEX: Il-Missjoni tal-Unjoni Ewropeja għaż-żamma tal-ordni u l-ħarsien tal-liġi fil-Kosovo
41 L-Importanza ta' komunikazzjoni tajba
41 Il-Korp tal-Pulizija jfakkar il-mejtin tiegħu fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.
44 Apprezzamenti
48 Arkitettura Maltija
52 Pagna Sportiva
57 International Police Association
60 Għaqda Pulizija Pensjonanti
62 Il-Membri tal-Korp li Mietu


THE IDEAL CHRISTMAS GIFT
THE
ST. PETERSBURG
STATE BALLET ON ICE
FROM RUSSIA
PRESENTS
Cinderella
ON ICE
LIVE AT THE MCC, VALLETTA
9TH & 10TH JANUARY 2010
NOW EXTRA PERFORMANCES
BY POPULAR DEMAND
PRICES STARTING FROM €29
SPECIAL DISCOUNTS FOR CHILDREN, STUDENTS AND SENIOR CITIZENS
RESERVATIONS: MCC - TEL: 25595750/1
MCC Box office Opening Times: Mon to Fri - 10.00 - 13.00 & 17.00 - 19.00 • Sat 10.00 - 13.00
or Email: bookings@mcc.com.mt
GOZO BOOKING OFFICE - TEL: 21558266 / 79815541
FOR ONLINE BOOKINGS VISIT WWW.MCC.COM.MT
STANDING OVATIONS
innovative entertainment
info@standingovations.com.mt +356 7955 7988
www.cinderellaoniceinmalta.com
www.standingovations.com.mt
www.mcc.com.mt

# Editorjal

Fl-aħħar ħarġa ta' dan il-Magazin inkiteb artiklu dwar jekk għandiex tintlibes, jew le, il-beritta waqt is-sewqan, kemm f'vettura tas-servizz kif ukoll f'dik pajżana. Kienu ħafna li kkummentaw mal-awtur iżda ħadd ma uża' l-mezz li seta' jwassal il-messaġġ. Dan il-magazin huwa ta' kulħadd u għalhekk ikun opportun li kulħadd jaqsam l-ideat tiegħu.

Fi ftit jiem oħra nidħlu f'ambjent ta' ferħ, ferħ li sfortunatament minħabba x-xogħol tagħna mhux kulħadd igawdih fl-istess perjodu. Pero' ħadd ma għandu jinsa' li s-sehem tagħna fis-soċjeta' jaf ifisser tbissima lil dawk il-persuni li huma inqas ixxurtjati minnha.

F'dawn il-ġranet ta' festi jekk tkunu l-Belt Valletta tistgħu tattendu għal attivitajiet li għalihom ikunu mistiedna kemm il-*Precision Drill team* kif ukoll il-Banda tal-Korp. B'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li l-parteċipazzjoni ta' dawn il-membri hija mfittxija sew mill-pubbliku.

Wieħed ma jistax ma jgħidx grazzi lit-Times of Malta, u lis-sur Stephen Busuttil talli għoġobhom iselfuna numru ta' ritratti sabiex jikkumplementaw ċerti artikli f'din il-ħarġa. Ovvjament grazzi tmur ukoll lill-fotografu tal-Korp, is-Surġent Alfio Borg li jiehu tant paċenzja bina.

Pero' ma nistgħux nagħlqu din il-ħarġa għas-sena 2009 mingħajr ma nirringrazzjaw lil dawk kollha li għoġobhom jikkontribwixxu sabiex stajna noħorġu materjal informattiv u interessanti. Nixtiequ li l-parteċipazzjoni tikber.

F'isem il-Bord Editorjali nixtiequ l-festi t-tajba lil kulħadd u j'Alla nkunu f'pożizzjoni li nkomplu nwasslulkom materjal t' interess.





**Thomas Smith Insurance Agency Ltd.**

12, St. Christopher Street, Valletta VLT1468. Email: insurance@tcsmith.com - Web: www.tcsmith.com

*Thomas Smith Insurance Agency Limited is authorised to act as an Insurance Agent of Gasan Mamo Insurance Limited and is regulated by the Malta Financial Services Authority.*




# Shop and WIN with your HSBC cards this Christmas



## 10 fantastic gifts from astral

Use your HSBC Bank Malta p.l.c. Debit or Credit Cards when shopping, and with every €200 you spend, you will qualify to participate in our great winter competition, with a chance of winning 1 of 10 fantastic gifts from Astral, including Denon Home Cinema Systems, Sound Systems and Blu Ray Players, and Philips Full HD TVs.

Use your HSBC Cards to pay for your shopping during December 2009 and January 2010. The more you use your cards, the greater your chances of winning.

DENON

Call us 2380 2380
Click on hsbc.com.mt
Come in to your local branch

HSBC
The world's local bank

Terms and conditions apply.

*Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 233, Republic Street, Valletta VLT1116*



# Messaġġ lill-Pulizija mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott Carmelo Mifsud Bonniċi

Nikteb għal darb'oħra bi pjaċir dawn il-kelmtejn f'din il-pubblikazzjoni li fiha jidher ħafna mix-xogħol li jwettaq il-Korp tal-Pulizija għall-ġid tas-soċjetà.

Din li riesqa lejn tmiemha kienet, l-istess bħal ta' qabilha, sena ta' żviluppi importanti għall-Korp.

Kienet sena li matulha rajna il-ġlieda kontra d-delinkwenza tkompli u s-suċċessi fiha jiżdiedu. Biżżejjed insemmu l-qbid rekord ta' droga li kien irreġistrat matul is-sena, kif ukoll iż-żieda fin-numru ta' persuni li qed jitressqu l-Qorti mid-diversi Distretti u diviżjonijiet tal-Korp u dan fl-impenn daqshekk kumpless u numeruż. Bla dubju ta' xejn, kienet il-ħidma tagħkom li wasslet għal dawn is-suċċessi. Kienet il-kontributur ewlieni għat-tnaqqis ta' 25% fir-rata ta' kriminalità li ġiet irreġistrata f'Malta u Għawdex fl-aħħar erba' snin. Ftit huma dawk il-pajjiżi li jistgħu jiftaħru b'ċertifikat bħal dan. Din kienet sena li fiha l-Korp ġib riżultati li qabel ma kienx qiegħed jara.

Naturalment iż-żamma tal-buon ordni fil-pajjiż titlob investiment kostanti kemm f'dak li huma l-mezzi u apparat użati mill-Korp, kif ukoll fir-riżorsi umani. Kien għalhekk li matul din is-sena inbeda proċess ta' tisħiħ fil-gradi għoljin kollha tal-Korp u sar reklutaġġ ta' 137 rekluti ġdid li bħal issa qed jieħdu t-taħriġ tagħhom fl-Akkademja tal-Pulizija. Mhux biss, imma armajna b'apparat u mezzi ġodda, u permezz tal-Unjoni Ewropea ġibna fondi għax-xiri ta' apparat modern li ser jgħin fl-identifikazzjoni tad-delinkwent.

Il-ġlieda kontra l-ħażen fis-soċjetà m'hix waħda faċli u tirrikjedi bosta sagrifiċċji. Napprezza li l-Pulizija kollha qegħdin fuq quddiem f'din il-ġlieda u nsostni li mingħajrkom, id-dixxiplina fil-pajjiż tmur lura. Għalhekk għal darb'oħra f'isem il-poplu Malti, ngħidilkom grazzi għall-ħidma sfiqa tagħkom u għas-sagrifiċċji li tagħmlu għall-ġid tas-soċjetà tagħna, partikolarment f'dan iż-żmien tal-festi.

Fl-aħħar nett nawgura lilkom u lill-maħbubin tagħkom il-Milied hieni u s-sena ġdida mimlija risq.

*Carmelo Mifsud Bonniċi*
*Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern*

# Messaġġ lill-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija is-sur John Rizzo



Kull bidu huwa mitmum. Hekk ukoll din is-sena. Minn hawn u ftit ieħor se tispiċċa u ssir parti mill-passat u l-istorja bit-tajjeb u l-ħażin kollu tagħha. Il-Korp bħal kull entita' oħra għandu l-istorja tiegħu u għalhekk huwa mportanti li f'dan il-perjodu ta' żmien wieħed jieqaf u jaħseb fuq kif kienet is-sena għalih. Hekk ukoll nagħmel jiena f'isem il-Korp.

Bħas-snin l-imgħoddija x-xogħol tagħna kien wieħed impenjattiv ħafna. Kellna l-elezzjonijiet tal-MEPs u kif kulħadd jaf dawn iġibu ħafna xogħol fuq il-Korp. Matul is-sena l-Korp baqa' għaddej bil-ġlieda sfrenata tiegħu kontra l-kriminalita'. Huwa sodisfazzjon kbir tagħna lkoll li l-isforzi tagħna ħallew ir-riżultati mixtieqa. Għal darba oħra r-rata tal-kriminalita' f'pajjiżna reġgħet naqset b'mod konsiderevoli. Fil-kamp tad-droga u kriminalita' oħra organizzata l-Korp kellu suċċess wieħed wara l-ieħor. Il-Pulizija kellha suċċessi oħra kbar f'investigazzjonijiet ta' każi ta' korruzzjoni u tixħim. Xogħol ieħor imwettaq b'suċċess kien dak relatat maż-żamma ta' l-ordni u l-ħidma għall-ġid tas-soċjeta'. Rajna diversi attivitajiet politiċi nkonnessjoni mal-elezzjonijiet tal-MEPs, il-festi matul is-sajf, l-attivitajiet sportivi bħal logħob tal-ballun, tlielaq tad-dgħajjes, tiġirijiet taż-żwiemel, logħob tal-basketball, maratoni u ħafna sports ieħor li lkoll saru mingħajr inċident. Xogħol ieħor importanti li għamel il-Korp matul is-sena kien is-sigurta' li tajna lil diversi dinjitarji li żaru pajjiżna. Komplejna nkabbru l-esperjenza tagħna fil-qasam tal-EU. Attendejna numru kbir ta' laqgħat tal-Kummissjoni u l-Kunsill

Ewropew, diversi laqgħat tas-CEPOL, Frontex u oħrajn. Dawn il-laqgħat u taħriġ li l-membri tagħna qed jirċievu, qed ikompli jattrezzana b'esperjenza u tagħlim ta' livell ta' Pulizija Ewropew. Bil-ħsieb li nkomplu nattrezzaw il-Korp, irnexxielna nirbħu ukoll xi proġetti li huma iffinanzjati mill-EU fosthom vetturi, dgħajjes u apparat ieħor mill-External Borders Funds, AFIS ġdid u apparat tad-DNA mill-Prum, funds biex nibnu sistema tal-kondotti tagħna b'mod kompjuterrizat u oħrajn.

Din is-sena ma kienx kollox perfett. Kellna xi nuqqasijiet ukoll li huwa mportanti li wieħed jaħseb fuqhom u jara kif matul is-sena li waslet biex tibda ma jirrepetihomx.

Kif għedt dan huwa żmien ta' riflessjoni u fi ħsibijieti jiġuni dawk il-membri tal-Korp li ħdimt magħhom fil-passat li għal xi raġuni jew oħra dawn m'għadhomx iservu fil-Korp. Niftakar b'nostalġija l-ġrajjiet li għexna u ħdimna flimkien.

Jiġuni f'rasi dawk il-membri tagħna jew tal-għeżież tagħhom li f'ħajjithom għandhom xi saram jew xi mard. J'Alla l-bambin itihom il-fejqan fil-ġisem tagħhom u ta' nishom u s-sabar biex ikunu jistgħu jiffaċċjaw dawn iċ-ċirkustanzi mingħajr tbatija.

Ħbieb u kollegi ma xtaqtx li nagħlaq dan il-messaġġ mingħajr ma ngħid xi ħaġa żgħira fuq id-diffikultajiet ta' saħħa li jiena personali għaddejt minnhom tul dawn l-aħħar xhur. Kienu żminijiet koroh, ikolli nammetti li kienet l-agħar sena ta' ħajti. Miegħi bagħtew ħafna familti. Pero' kif diġa għedna kull bidu huwa mitmum u bil-grazzja t'Alla u tal-Madonna l-Immakulata Kunċizzjoni, jiena erġajt irkuprajt u ħadt saħħti lura. Dan qed ngħidu biex nagħmel kuraġġ lil kull min għaddej minn xi saram jew diffikultajiet ta' saħħa.

Grazzi mill-qalb lill-membri kollha tal-Korp tax-xogħol li wettaqtu matul is-sena. Grazzi mill-qalb lill-kollegi membri u l-ħbieb tas-support kbir, rispett u solidarjeta' li jiena sibt minnkom fi żmien li jiena kont ma niflaħx.

Fl-aħħarnett, nawgura lilkom u l-maħbubin tagħkom il-Milied hieni u sena ġdida mimlija risq, hena u saħħa.



# brown & rye

makers of true foods!



sandwiches, wraps, baguettes, ftiras, baps, salads,
pies, cakes & bakes

*Freshly made everyday*

for cafes, kiosks, & retail outlets,
packed lunches and organised events
vending machines, outside caterers, and canteen operators

info@brownandrye.com tel: 21 431 306 sales@brownandrye.com



# Wherever I go, I carry just two essentials.

Finding the perfect pictures to tell stories takes me all over the world. Apart from my camera, the one thing I always take with me is my American Express® Card. Not only will it get me almost anywhere, it will also get me out of trouble in an emergency.

My life is a series of captured moments. My card is my constant companion.

**You have the life, now apply for the card.**
**Call 2131 2020 or visit www.bov.com**




BOV Bank of Valletta

AMERICAN EXPRESS *My life. My card.*

# L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

Neville Mercieca - Segretarju Amministrattiv MPA

*Għeżież Membri,*

Nixtieq nibda billi nirringrazzja lis-Sur Martin Pace għall-ħidma tiegħu bħala Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni. Hu dejjem poġġa l-interessi tiegħu wara ta' sħabu u dejjem għamel li seta' sabiex jgħin lil sieħbu fil-bżonn. Is-Sur Pace sejjer jibqa' membru tal-Kumitat Eżekuttiv.

F'dan l-artiklu, nixtieq nagħti rendikont tal-ħidma tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni. Kif tafu matul din is-sena saret ħidma intensa minn dan il-Kumitat Eżekuttiv sabiex naqdu l-missjoni tagħna skond l-Istatut. Il-Kumitat Eżekuttiv tlaqqa' 25 darba qisu medja ta' darbtejn fix-xahar. Is-suġġetti li jiġu trattati jkunu varji, bħal:

## Kordinament aħjar bejn l-Assoċjazzjonijiet tal-Pulizija (MPA – GĦPP – IPA)

Il-website tal-MPA li minn meta ġiet imnehdija daħlu 'l fuq minn 25,000 hit fiha, qed tagħti aċċess ukoll għall-ewwel darba liżżewġ għaqdiet oħrajn sabiex huma wkoll ikollhom il-paġna tagħhom. Dan kollu jsir bla ħlas.

## MPA – Police Entertainment Committee – Sports Committee

L-Eżekuttiv minn żmien għal żmien jaħseb sabiex kumitati oħra fil-Korp tal-Pulizija, li l-istess assoċjazzjoni għandha membru nominat fihom, jorganizzaw attivitajiet għal membri u dipendenti tagħhom. Insemmi fost l-oħrajn il-party tal-Milied, xi ħarġiet u wara tant żmien, xi 12–il sena, reġa' ġie organizzat is-summer camp. Dawn l-attivitajiet jieħdu parti mhux ħażin mill-budget tagħna. Ġiet ukoll mogħtija donazzjoni lill-iSports Committee sabiex tkun ta' stimolu.

## Laqgħat mal-Kummissarju tal-Pulizija

Fost is-suġġetti li kienu trattati kienu t-training gear waqt il-lezzjonijiet Core, miżata lill-Assoċjazzjoni tal-Fizzjali minn Supretendent 'il fuq, il-Konferenza tac-CESP (għajnuna mill-Korp). Bħal ma tafu, inxtraw it-track suits għal membri sabiex jintużaw mill-membri tagħna. L-Assoċjazzjoni talbet illi tibda tingħata il-miżata relattiva tal-membri minn Supretendent 'il fuq peress li dawn huma membri, u ma jikkontribwixxux għall-budgit tal-MPA, għalkemm huma xorta jħallsu l-miżata. Dwar il-vacation leave fund, aħna naqblu mall-idea li meta membru jitlob għandna minn dan il-fond, l-ewwel li għandu jintuża' huwa l-leave tal-individwu, u wara jingħata wkoll xi granet minn dan il-fund. Il-Kummissarju wiegħed l-għajnuna tal-Korp fir-rigward tal-Konferenza tac-CESP li ġiet organizzata għall-ewwel darba f'Malta. Matul dawn il-laqgħat kien hemm diverġenzi ta' opinjonijiet, fost oħrajn meta l-Assoċjazzjoni kitbet lill-membri sabiex tingħata l-għajnuna lil dawk kollha li ġew akkużati li naqsu milli jaqdu d-doveri tagħhom rigward il-Litter Act. Aħna nħossu li għandna noffru s-servizz tagħna f'kull każ ta' allegat ksur ta' dixxiplina. Kellna wkoll diverġenza fuq it-talba tagħna sabiex dawk il-membri lix-xift tagħhom jeċċedi s-46 siegħa bi ksur tal-Ftehim Kollettiv tal-1993, jitħallsu tas-sigħat żejda li għamlu.

## Skemi speċjali għall-membri tagħna

Saru arranġamenti ma' tal-Qroqq Fitness Centre, Bank of Valletta u l-Banif Bank sabiex il-membri tagħna jibbenefikaw minn skontijiet u rati speċjali.

## Sentry Boxes

Il-Kumitat Eżekuttiv ħass il-ħtieġa li jikteb lill-kollegi tagħna barranin membri tac-CESP sabiex jistħarreġ x'inhuma s-sistemi adottati minnhom rigward il-kwistjoni tas-Sentry Boxes. Ġewwa l-Greċja, dawn il-kaxxi huma atrezzati bid-dawl, telefon, *air-conditioning*, siġġu u żewġ *floodlights* fuq barra. Fil-Portugall dawn il-kaxxi tneħħew fl-1980 sabiex il-Pulizija jkun deployed fuq ġewwa, f'kamra mgħammra bil-WC, *air-conditioning* u *CCTV cameras*. Fl-Olanda dawn huma *bullet proof*, għandhom siġġu, *CCTV cameras* u *radio* tal-Pulizija. Hawnhekk il-Pulizija jinbidel kull sagħtejn. Il-Ġermanja m'għandhomx minn dawn il-Kaxxi. Il-Pulizija jingħata karozza tal-Pulizija jew ikun hemm kamra apposta fil-bini li tkun mgħammara b'kull faċilita' neċessarja.

## Laqgħa mas-Surġenti-Maġġuri

Fit-13 ta' Jannar 2009 saret laqgħa mas-Surġenti-Maġġuri sabiex jitneħħew id-differenzi li jeżistu fil-ħinijiet tax-xogħol tagħhom. Hemm surġenti-maġġuri li jagħmlu l-istess xogħol imma l-ħinijiet (*shifts*) tagħhom m'humiex ugwali.

## Konsulenti

Matul din is-sena ġew maħtura 2 konsulenti ġodda bis-saħħa tal-Artikolu 25(3) tal-Kap. 164. Dawn huma Dr. Robert Abela, LL.D u s-sur Peter Paul Zammit, P.L.

## Extra Duty on Payment

Wara li l-Assoċjazzjoni rċeviet diversi talbiet mill-membri, saru diversi korrispondenzi bejn l-Amministrazzjoni u l-Assoċjazzjoni, fejn ħafna mill-pendenzi ġew riżolti. Għalkemm għad fadal xi jsir, jidher li hemm ir-rieda tajba sabiex dawk li għad fadalhom x'jitħallsu jieħdu dak li hu dovut lilhom. Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenu sabiex ħafna minn sħabna jieħdu dak li ħaqqhom. Nistieden lil dawk li għandom xi pendenzi, sabiex jikkuntatjaw lill-Assoċjazzjoni.

### Arbitration Board

Wara diversi laqgħat mal-Arbitri, li ma wasslu għall-ebda riżultat konkret għalina, tħejja rapport mill-istess Arbitri fuq it-talbiet tagħna. Dan ir-rapport ġie mgħoddi lill-Onor. Prim Ministru skond kif titlob il-Liġi. Nixtieq infakkarkom li hemm talbiet li tressqu fl-2004.

### PNB Board

Matul din is-sena, sal-lum, dan il-Bord iltaqa' ħames darbiet. Qed tkun taqtiegħa kontinwa mill-Kumitat Eżekuttiv sabiex dan il-Bord jiltaqa' iktar ta' spiss sabiex jiġu solvuti il-punti pendenti għall-benefiċċju tal-membri tagħna. Fil-laqgħa li saret nhar is-26 ta' Mejju 2009, il-Bord irrikonoxxa li l-proċedura adottata mill-Korp rigward it-tnaqqis tas-sick leave tmur kontra r-regolament 4.3.7.3 tal-PSMC. Ġie diskuss ukoll il-punt li bħalissa qiegħed fuq fomm kulħadd, dak tas-sigħat żejda – 'il fuq minn 46 siegħa fil-ġimgħa. Matul it-taħdidiet ħareġ il-punt li hemm ammont kbir ta' membri li jaħdmu sigħat ta' xogħol 'il fuq minn 46 siegħa fil-ġimgħa mingħajr ma jiġu kkompensati tagħhom bi ksur tal-Ftehim Settorjali tal-Korp tal-Pulizija tal-1993. Il-Bord kien ċar illi dak li ġie mifthiem għandu jiġi onorat.

### CESP Konferenza fil-Bosnia

Bejn l-14 u 17 ta' Mejju 2009, is-Segretarju Amministrattiv u t-Teżorier attendew konferenza tal-CESP ġewwa Sarajevo, l-Bosnia Herzegovina. It-tema kienet *"The Economic Crisis: its influence on the labour legal relations and social status of the police officers as well as its influence on the possible rise of the crime"*.

### CPA Manifestazzjoni f'Ċipru

Is-Sur Martin Pace u s-Sur Dennis Agius bħala membri tal-Eżekuttiv attendew għal-manifestazzjoni ġewwa Nikosija f'Ċipru nhar it-30 ta' Ottubru 2009 sabiex jagħtu s-support lill-membri tas-CPA fit-talbiet tagħhom.

### Kawża mal-Għaqda Pulizija Pensjonanti

Il-Kumitat Eżekuttiv, wara li rċieva talba għall-assistenza mill-Għaqda Pulizija Pensjonati sabiex flimkien jingħaqdu biex tinfetaħ kawża ħalli jissolvew l-anomaliji li hemm fil-pensjoni tat-teżor meta tiġi kompjutata l-pensjoni tas-Sigurta' Soċjali, iddeċieda li kellu joffri l-għajnuna meħtieġa. Ma rridux ninsew li l-membri tal-lum huma l-pensjonanti ta' għada u r-riżultat tal-kawża jaffettewa lilna lkoll.

### White Paper rigward il-parole

Il-Kumitat Eżekuttiv ħass li kellu jagħti l-opinjonijiet tiegħu fuq dan is-suġġett. Intbagħtu s-suġġerimenti tagħna kif dehru fil-ħarġa tal-magazine Il-Pulizija tal-ħarġa li għaddiet.

### Konferenza tac-CESP ġewwa Malta

Bħal ma tafu, bejn l-14 u 19 ta' Ottubru 2009 kellna fostna delagazzjonijiet minn 16-il pajjiż membri tac-CESP għal workshop li sar ġewwa l-Corinthia San Ġorġ Hotel. It-tema kienet *"When somebody attacks a Police Officer, it's an attack on Democracy!"*. Ġiet adottata riżoluzzjoni finali fuq is-suġġett. Din kienet l-ewwel darba li l-Assoċjazzjoni organizzat konferenza ta' din il-portata. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod, ikkontribwew għas-suċċess miksub. Ir-riżoluzzjoni finali tinstab fil-website tagħna – www.mpa.org.mt

### Protest Ġudizzjarju

L-istorja ta' kif dan il-proċess beda tmur lura għas-26 ta' Novembru 2007, meta il-Kumitat Eżekuttiv ta' dak iż-żmien irċieva petizzjoni minn numru konsiderevoli ta' membri. Wara li l-Kumitat preżenti ġie elett f'April tal-2008, reġa' ltaqa' mar-rappreżentanti ta' dawn il-membri sħabna, sabiex tiġi ċċarata eżatt is-sitwazzjoni. Konsegwenza ta' dik il-laqgħa, il-Kumitat Eżekuttiv kiteb liċ-Chairman tal-PNB sabiex dan is-suġġett jibda jiġi diskuss b'urġenza. L-Assoċjazzjoni mill-bidu talbet sabiex is-xifts jiġu regolarizzati skond il-Ftehim Settorjali għall-Membri tal-Korp tal-1993. Il-membri tal-PNB dejjem sostnew li dak li hu miftiehem għandu jiġi onorat. Wara diversi laqgħat, u s-sitwazzjoni kienet tidher li aħna, għandna raġun, iżda bir-raġun biss ma tagħmel xejn, inħasset il-ħtieġa li jittieħed parir legali. Il-parir irriżulta f'dak li kulħadd jaf, jiġifieri nbeda l-proċess li jinġabru l-kunsensi mingħand il-membri li eventwalment wasslu sabiex nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2009, tressaq il-protest għan-nom ta' 1,473 membru. F'dan l-istadju, ebda kumment ieħor ma jkun għaqli.

### Summer Camp

Wara nuqqas ta' snin, reġa' ġie organizzat is-Summer Camp għat-tfal tal-membri tal-Korp. Dan ġie organizzat mill-MPA bl-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Inħatar kumitat immexxi mill-Assistent Kummissarju L. Cauchi u fi żmien xahar saret l-organizzazjoni meħtieġa. Kien hemm diversi membri li taw kontribut siewi sabiex dan jirnexxi. Peress li diġa ħareġ feature fuq dan is-suġġett fuq il-magazine tal-Pulizija, mhux ser noqgħod nirrepeti x'ġara.

### Reviżjoni tal-Istatut

Inħasset il-ħtieġa li l-istatut tal-Assoċjazzjoni jiġi rivedut u jiġi emendat għaż-żminijiet tal-lum. Ġie ffurmat sotto-kumitat minn erba' membri li huma, is-Surġent Dennis Agius, is-Surġent Joseph Zerafa, is-Surġent Joseph Farrugia u s-sottoskritt. Il-proċess miexi sew u l-pjanijiet huma li jitressaq quddiem il-Konferenza Ġenerali li jmiss, wara li jkunu għaddew dawn il-proċeduri stabbiliti bil-liġi.

### Konferenza Ġenerali Straordinarja

Fit-2 ta' Novembru 2009 ġiet imsejħa Konferenza Ġenerali Straordinarja, wara li s-Segretarju Ġenerali Martin Pace informa lill-Kumitat Eżekuttiv bir-riżenja tiegħu, fejn min-naħa tal-Kumitat Eżekuttiv, ġie nfurmat il-Kummissarju tal-Pulizija u ċ-Chairman tal-Kummissjoni Elettorali tal-Korp. Nixtieq ninfurmakom li jien ġejt maħtur bħala s-Segretarju Ġenerali l-ġdid, wara li kont l-unika wieħed li tfajt il-kandidatura għal din il-kariga. Il-Kumitat Eżekuttiv jixtieq jirringrazzja lill-membri kollha tal-Kummissjoni Elettorali tal-Korp, li kull darba jagħtu s-servizzi tagħhom lill-Assoċjazzjoni waqt xi elezzjoni. Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lid-delegati kollha li attendew u taw sehemhom fid-diskussjoni.

Ħbieb kif qed taraw għamilna ftit xogħol mhux ħażin imma baqa' ħafna u ħafna aktar xogħol xi jsir. Ma nħallu lil ħadd jaqtagħlna qalbna u dejjem nimxu skond il-liġijiet tal-pajjiż. Bi ftit għajnuna ta' kulħadd forsi xi darba naslu.

F'isem iċ-Chairman u l-Kumitat Eżekuttiv nixtieq nawgura l-festi t-tajba u sena ġdida mimlija risq u hena lilkom u 'l-familji tagħkom.

# New tv channels exclusive to GO




## FOXlife

### Channel 300

| | |
|---|---|
| - GREY'S ANATOMY 4&5 | Mon - Fri 19:00 (season 6 premiere Wed 20th Jan 21:00) |
| - DESPERATE HOUSEWIVES 4&5 | Mon - Fri 18:00 (season 6 premiere Tue 2nd Feb 21:00) |
| - BROTHERS & SISTERS 2 | Tue 20:00 |
| - DIRTY SEXY MONEY 2 | Tue 21:00 |
| - and lots more... | |

## FX

### Channel 301

| | |
|---|---|
| - CRASH | Mon21:55 |
| - FLASH FORWARD | Mon 21:00 |
| - FAMILY GUY | Tue 21:00 & Fri 22:40 |
| - LINE OF FIRE | Thu 21:55 |
| - AMAZING GRACE | Sat 16:15 |
| - and lots more... | |

**Coming soon** to all GO tv customers!

GO

mobile **tv** phone internet

Visit our outlets or call us anytime on Freephone **8007 2121** **www.go.com.mt** MADE FOR YOU

FOXlife and FX will be open for viewing to all GO tv customers until 31st December 2009. As from 1st January 2010, customers interested in viewing these channels must be subscribed to Gold+ tv. Terms & conditions apply.


JACK DANIEL'S and OLD NO. 7 are registered trademarks.
©2007 Jack Daniel's. Come visit us at www.jackdaniels.com
FRIENDS OF JACK
SIP AND SERVE, RESPONSIBLY.
EXCLUSIVE DISTRIBUTOR: Charles Grech & Co. Ltd. Tel: 2144 4400 Fax: 2144 4417 Email: cgc@charlesgrech.com
MR. JACK NEVER
FOLLOWED THE CROWD.
BUT THEY WERE ALWAYS WELCOME TO STOP BY.
OLD No7 BRAND
JACK DANIEL'S
OLD TIME
Old No.7 BRAND
QUALITY
Tennessee
SOUR MASH
WHISKEY
MADE IN TENNESSEE

# Mill-Akkademja tal-Pulizija

Spettur Stephen Malia

Fir-rwol ġdid tiegħi ta' Spettur fl-Akkademja tal-Pulizija ħassejt li għandi nikteb dawn il-kelmtejn li ġejjin. L-Akkademja minn dejjem kienet għal qalbi fejn erġajt qed inġedded il-memorji ta' meta kont stazzjonat fiha għal żmien konsiderevoli snin ilu fir-rwol ta' Surġent meta kont *drill* u *shooting instructor*. Kienu snin li fihom rajt mijiet ta' rekluti jitħarrġu u b'sodisfazzjon ngħid li minnhom hemm uħud li mhux biss laħqu Surġenti iżda saħansitra fizzjali fil-Korp. Ma jistax jonqos li llum fil-kariga ta' fizzjal ma nħarisx 'il quddiem għal aktar ħidma fl-Akkademja tal-Pulizija.

Fis-7 t'Ottubru 2009 ġewwa l-Akkademja beda it-30 Kors Bażiku ta' Taħriġ għar-rekluti tal-Pulizija magħmul minn xejn inqas minn 138 rekluta. Wara l-aħħar reklutaġġ li spiċċa fi Frar 2008, ma setax jonqos li minħabba nuqqas ta' riżorsi umani, post kbir u antik bħal ma hi l-Akkademja f'Sant Iermu, issir xi manutenzjoni u tindif ħalli l-faċilitajiet ikunu fi stat aħjar li jintużaw. Għalhekk, bħal ma jsir f'kull reklutaġġ, ir-rekluti kollha taw is-sehem tagħhom fit-tindif li kien meħtieġ sabiex fi ftit jiem l-Akkademja inġiebet fl-istat li jixirqilha.

Nixtieq ngħid prosit lir-rekluti l-ġodda għax-xogħol siewi li għamlu fejn urew ħeġġa u mpenn biex ix-xogħol li sar jitgawda minnhom matul id-disa' xhur ta' taħriġ li għandhom ġewwa l-Akkademja. Veru li ċerti partijiet tal-post jinsabu fi stat ħażin ta' kostruzzjoni minħabba l-eta' tal-post, iżda l-indafa u l-ordni fl-Akkademja jilqgħu lil dawk kollha li jżuru dan il-post. Ma ninsewx li l-Akkademja ġewwa l-Forti Sant' Iermu mhux biss hija l-post ta' dixxiplina u serjeta', iżda l-Forti hu wieħed mill-aktar postijiet storiċi u importanti ta' pajjiżna fejn fih tqatlu missirijietna.

Nixtieq nikkumenta dwar ir-rwol ta' l-Akkademja, fejn minn barra t-taħriġ lir-rekluti l-ġodda, ta' kuljum qed tilqa' fiha wkoll 'il fuq minn 100 membru tal-Korp regolari għall-korsijiet tal-in-service. Bħal ma tafu, dan it-taħriġ ivarja minn lezzjonijiet akkademiċi sa taħriġ fiżiku, u jinkludi wkoll taħriġ ta' sparar u difiża personali. Forsi mhux kull membru li jattendi għal dan it-taħriġ jagħmel dan minn qalbu minħabba diversi ċirkustanzi li jeżistu, bħal per eżempju meta l-membri jkunu meħtieġa jidħlu xogħol ta' bil-lejl f'dak il-jum stess. Iżda wieħed għandu jifhem l-importanza li jżomm ruħu aġġornat dwar ix-xogħol tiegħu u jkun fiżikament tajjeb biex jaqdi il-funzjonijiet tiegħu bl-aħjar mod possibli.



Huwa rwol ta' l-Akkademja li minbarra t-taħriġ li għadni kemm semmejt, tirrenja s-serjeta' u d-dixxiplina fi ħdan il-Korp. Dan ma jistax isir jekk ma nitgħallmux nirrispettaw aktar lilna nfusna u l-uniformi li nġorru fuqna. Għalhekk nappella biex jintwera' aktar rispett bejn ir-ranks kollha tal-Korp. Onestament inħoss li dan ir-rispett naqas sewwa bejn ir-ranks, fejn saħansitra t-tislima rikjesta f'korp dixxiplinat mis-subalterni lejn il-fizzjali tagħhom saret qisha xi ħaġa ta' barra minn hawn. Ha nagħmilha ċara, l-idea li jekk fizzjal ma jkunx liebes l-uniformi m'huwiex intitolat għat-tislima hi totalment żbaljata, għax bl-istess argument dawk il-fizzjali li xogħolhom hu wieħed pajżan ma jingħatawx tislima, u dan imur kontra r-regolamenti. Infakkar li fizzjal hu dejjem dovut it-tislima mill-other ranks jew subalterni tiegħu, irrispettivament jekk il-fizzjal ikunx liebes l-uniformi jew le. Is-subaltern għandu jgħolli l-id il-leminija mal-beritta meta qiegħed isellem bl-uniformi. Jekk ma nirrispettawx dawn il-proċeduri bażiċi aħseb u ara kemm ser nirrispettaw il-kodiċi ta' dixxiplina. U jekk ma nurux dan ir-rispett lejn xulxin, aħseb u ara kemm nippretendu li ċ-ċittadin jirrispetta lilna waqt id-doveri tagħna.

Għandna nkunu kburin li aħna membri tal-Korp u nagħmlu ġieħ lill-uniformi li nilbsu. Wara kollox kollha kemm aħna konna nafu għal x'hiex deħlin meta ħadna l-ġurament tal-ħatra. Fis-servizz trid tirrispetta l-ordnijiet u ssegwi l-proċedura inkella mhux postok f'korp dixxiplinat bħal ma hu l-Korp tal-Pulizija.

Il-Korp tagħna ilu mwaqqaf aktar minn 195 sena u jiddispjaċini ngħid li f'ċerti affarijiet flok avvanzajna morna lura, speċjalment fejn tidħol dixxiplina. Jidher li ħafna affarijiet saru jittieħdu for granted u qisu xejn m'hu xejn.

Għalhekk, fost ir-rwoli li għandha l-Akkademja tal-Pulizija hemm dik li tegħleb l-attitudni pjuttost laxka li qiegħda tirrenja fost xi wħud mill-membri tal-Korp. Inħoss li f'ċerti affarijiet li tant huma bażiċi iżda importanti morna xi ftit jew wisq lura. Ta' dan ma neskludix li jista' jkun qed jibbenefikaw wħud mill-fizzjali tal-Korp li bħal donnhom jiddejqu jikkorreġu lis-subalterni tagħhom, u jista' jagħti l-każ li daħlet wisq kunfidenza bejn ir-ranks. Dan qed ngħidu għax jekk mhux ser naċċettaw u niġu konxji tan-nuqqasijiet li jeżistu fil-Korp fejn tidħol dixxiplina, ma nistgħux nibdew inħarsu 'l quddiem u naġixxu biex nirranġaw dawn in-nuqqasijiet.

Hi ħasra li x-xogħol kbir ta' fejda li jsir mill-Korp tal-Pulizija xi kultant jiġi mtappan b'attitudni laxka jew traskurata. Fl-Akkademja qed isir dak kollu possibli biex nedukaw kemm nistgħu lil kull min jattendi għat-taħriġ ħalli kulħadd jifhem x'inhu mistenni mingħandu f'Korp serju u dixxiplinat.

L-Akkademja għandha tkun eżempju ħaj ta' dixxiplina, serjeta' u ordni, kif ukoll lok ta' taħriġ għal kull min jattendi fiha. Nappellalkom biex bħala membri tal-Korp tħossukom ilkoll parti mill-Akkademja, la darba qed tattendu regolarment għat-taħriġ. Wara kollox l-Akkademja hi tagħna lkoll u għandha tkun il-post li biha l-membri tal-Korp kollha għandhom ikunu kburin.

Fl-aħħarnett nixtieq nappella lil kull min jattendi fl-Akkademja, li għandu jirrispetta l-fatt li daħal f'istituzzjoni serja ta' taħriġ u dixxiplina. Għalhekk għandu jħossu kburi li d-dehra ta' *smartness* tiegħu kif rikjesta, qed tiġi apprezzata ħalli l-*Esprit de Corps* fost il-membri tinħass aktar għal dehra u doveri aħjar fi ħdan il-Korp tal-Pulizija li tiegħu nagħmlu parti lkoll.

# Id-Devozzjoni lejn is-SSmu Kurċifiss u d-Digriet tal-Indulġenzi li nagħta f'Ħal Qormi

PS1133

Bħal f'kull post storiku nsibu dawk il-karatteristiċi li jagħmlu aktar il-post interessanti u ta' ċertu importanza sew mill-att funzjonali nnifsu kif ukoll dak strutturali. Iżda barra minnhekk insibu fatturi oħra li mhumiex neċċessarjament marbutin mal-oriġini tal-post; bħal ngħidu aħna dekorazzjonijiet artiġġjanali, opri tal-arti, għamajjar, ikoni ecc.

Fil-każ tagħna tal-lum huwa Kurċifiss antik maħdum mill-papiru (tip ta' karta pesta) imwaħħal fuq salib kbir tal-injam li fil-preżent jinsab ġewwa **l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi.** Għalkemm immaġini bħal din mhux xi ħaġa rari biex tiltaqa' magħha, l-aktar f'pajjiżi bi twemmin nisrani bħal ma huma l-gżejjer tagħna, iżda għal dan il-Kurċifiss li jinsab f'dan il-post, hemm daqsxejn ta' ġrajja li tiddistingwieħ minn oħrajn.

Madwar 20 sena ilu wieħed mill-kollegi tagħna anzjan u li għadu sal-lum il-ġurnata jservi f'din l-Għassa, waqt xogħol ta' żbarazzar li kien tqabbad jagħmel f'post li kienu qed jinżammu dokumenti qodma marbutin ma' xogħol il-Pulizija, innota li fuq xkaffa mwarrba kien hemm inkwatru li għalkemm kien xi ftit żlugat u kważi miksur, minn ġol-ħġieġa kollha trab kien jidher li hemm dokument b'xeħta ta' xi ħaġa importanti. Bil-kollaborazzjoni tas-Supretendent ta' dak iż-żmien, is-Sur John Suda, il-Kuntistabbli John Camilleri (PC 237) talab l-għajnuna ta' saċerdot midħla ta' dawn id-dokumenti għal fatt li kien ġie nnotat li l-boll li kien fih dan id-dokument kien bl-insinja tas-Santu Offiċċju. Minn hemm sar magħruf x'kien jgħid id-dokument u r-rabta li kellu mal-Kurċifiss, li sa dak iż-żmien kien għadu magħruf biss, bħala l-Kurċifiss antik u li kien inġieb mill-Għassa l-qadima li kienet fil-Pjazza ta' San Franġisk madwar 80 sena ilu. Il-qofol kollu ta' din il-ġrajja jinsab fl-istess dokument, miktub bl-idejn, bil-Latin, il-lingwa uffiċjali tal-Knisja u jgħid dan li ġej:



*Lill Qdusija Tiegħu.*

*Il-Kardinal Giov. Battista Porzella, viċi-parrokku ta' Casal Curmi, Djoċesi ta' Malta, umilment jgħarraf lill-Qdusija tiegħu li fl-għassa tal-pulizija tal-imsemmi post twaqqfet kappella devota f'ġieħ is-Santissmu Kurċifiss biex toktor id-devozzjoni ta' dawk il-pulizija, li speċjalment filgħaxija jinġabru hemmhekk għat-talb flimkien; nitlob umilment lill-Qdusija Tiegħek biex tagħti l-indulġenza ta' tlett mitt jum lil kull min jirreċita tliet darbiet il-kredu quddiem dik l-immagini qaddisa u l-indulġenza plenarja lil min ikomlpi din id-devozzjoni għal xahar sħiħ u jkun qerr u tqarben u talab skont l-intenzjoni tal-Qdusija Tiegħek.*

*Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju X, fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 1906 mal-Kardinal, hawn taħt iffirmat Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Indulġenzi u r-Relikwi Mqaddsa, jaċċetta bil-qalb dak kollu li ġie miktub u jikkonċedih* ***għal dejjem*** *mingħajr il-ħtieġa li jintbagħat Brevis, basta ma jkun hemm xejn kuntrarju.*



*Mogħti f'Ruma mis-Segretarju tal-istess Sagra Kongregazzjoni, 27 ta' Ġunju 1906.*

*A. Kard. Tripapi, Prefett.*

Skont id-dokument jagħtina x'nifhmu li l-kappella fejn kien meqjum dan il-Kurċifiss, kienet ġewwa l-Għassa l-qadima, iżda għalkemm m'għandniex dokumenti f'idejna, jingħad li l-Kappella tal-Lunzjata, dik li għal ħafna jaħsbu li hija parti mill-Kappella ta' San Franġisk de Paoli minħabba li tmiss magħha, setgħet kienet il-post fejn dan il-kurċifiss kien meqjum. Din il-Kappella tinsab faċċata tal-Għassa l-qadima, kemm biss taqsam it-triq, f'madwar erba' metri distanza. Jekk hux fil-Kappella jew fl-Għassa, għalkemm jista' jkun li kien meqjum fiż-żewġ postijiet, nafu li din il-kappella skond kif ingħadilna kienet frekwentata mill-membri tal-Korp sa mal-Għassa kienet għadha f'din il-pjazza, bejn l-aħħar tas-Seklu 19 u l-bidu tas-Seklu 20.

Xi żmien wara li l-Qdusija Tiegħu l-Papa kien ħareġ id-digriet u ta l-indulġenzi bil-għan li jiġbor id-devozzjoni lejn is-SSmu Kurċifiss, kien ġie dikjarat qaddis u għalhekk nistgħu ngħidu li l-indulġenzi ingħataw mill-Qaddis San Piju X.

Skont id-dokumenti tal-katekiżmu tal-Knisja Kattolika ta' wara l-Konċilju Vatikan II, (1992) Art. 1471 jgħid; '*l-Indulġenza hija l-maħfra quddiem Alla tal-piena taż-żmien li kienet tistħoqq minħabba dnubiet li tagħhom ġa tħassret il-ħtijja. Maħfra li n-nisrani b'dispożizzjoni tajba jikseb taħt ċerti kundizzjonijiet determinali, permezz tal-ħidma tal-knisja li bħala dispensatriċi tal-fidwa, tqassam u tapplika bl-awtorita' tagħha t-teżor tal-merti*


Beatissimo Padre

Il Rev. Sig. [illegible] di Casal Curmi, Diocesi di Malta, umilmente espone alla S.V. che nell'ufficio di Polizia di detto luogo è stata eretta una devota cappelletta in onore del SS. Crocifisso. Ad accrescere la devozione di quei militari, che specialmente la sera si adunano per le preghiere comuni, supplica umilmente la S.V. affinchè voglia concedere l'indulgenza di trecento giorni a chi reciterà dinanzi quella Sacra Immagine tre Pater, e l'Indulgenza plenaria a chi avrà seguita la pia pratica per un mese, e, confessato e comunicato pregherà secondo l'intenzione della S.V.

Che [illegible]

SS.D.N. Pius Pp. X. in Aud. habita die 27 Junii 1906 ab infrascripto Card. Praef. S.C. Indulgentiis Sacrisque Reliquiis praepositae, benigne annuit pro gratia in omnibus juxta preces, in perpetuum, absque ulla Brevis expeditione. Contrariis quibuscumque non obstantibus. Datum Romae, e Secretaria ejusdem S. Congnis, die 27 Junii 1906.

A. Card. [illegible] Praef.

[illegible]

*ta' Kristu u tal-qaddisin'.*

*L-indulġenzi huma parzjali jew plenarji skond jekk jeħilsux parti mill-piena taż-żmien li kienet tistħoqq għad-dnubiet jew ineħuha kollha'.* Jistgħu jintrebħu kemm għall-ħajjin u kemm għall-mejtin.

Jidher, li kien hemm postijiet oħra ukoll fl-istess perjodu taż-żmien, fejn kienet qed tinżamm din id-devozzjoni lejn is-SSmu Kurċifiss. Sfortunatament, ħafna minnhom għal xi raġuni m'għadhomx hemm fil-post li kienu. Jista' jkun li qegħdin f'xi post ieħor miżmumin hemm! Kienu jinstabu l-aktar f'dawk l-Għasses il-qodma, illi f'dak il-perjodu taż-żmien kienu ġa ilhom stabbiliti f'dik il-belt jew raħal. Eżempju f'Ħaż-Żebbuġ qaluli li kien hemm wieħed ta' daqs iżgħar (iż-żgħar kienu jkunu madwar tliet piedi) f'niċċa tal-injam. In-niċċa wkoll kienet tkun xogħol artiġġjanali mill-aqwa, maħduma minn mgħalmin ta' ċertu stoffa, li kellna f'dawk iż-żminijiet.

Simili ta' dan l-istil għadek tista' tarahom, li naf bihom jien, fil-kappella tal-Kwartieri Ġenerali, il-garaxx tal-Pulizija u ieħor fil-Mosta. Dwar dan tal-aħħar kont ħadt l-inkarigu personali u bil-kollaborazzjoni tas-Supretendent ta' dak iż-żmien, is-Sur Bertu Mula, ġie restawrat il-kruċifiss u n-niċċa li wara tpoġġa f'post prominenti. Niftakar li dan il-Kurċifiss konna salvajnieh fil-ħin, minħabba li kien inqala' minn fejn kien u tpoġġa fuq materjal ieħor lest biex jintrema', minn ħaddiema li jidhirli li kienu Rumeni.

Dawn kienu lavranti ta' kuntrattur li kien tqabbad mill-Kunsill sabiex jibni l-librerija. Biex inbniet din il-librerija kienet ittieħdet parti mis-sular ta' fuq tal-Għassa. Kien jidher ukoll li dawn ma kienux fehmu biżżejjed x'kellhom jarmu u x'ma kellhomx, għal-fatt li għoddew il-Kurċifiss bin-niċċa b'kollox mal-imbarazz li kellu jintrema'. Kif indunajt b'dan kollu, li tista' tgħid kienet verament b'kumbinazzjoni li tlajt fuq biex nagħti daqqa t'għajn, għajjat malajr lil wieħed mill-kollegi li kien xogħol u b'ċertu attenzjoni sabiex ma nkomplux nagħmlu ħsara erfgħajna n-niċċa bil-Kurċifiss minn fuq it-tifrik u l-imbarazz li kien hemm għar-rimi. Wara niżżilnieh u poġġejnieh isfel sa ma' beda l-proċess għar-restawr, li b'riżultat t'hekk għadu jidgawda hemm sal-lum b'dinjita' li tixraqlu.

Għaż-żmien li qed insemmi l-poplu kien ferm reliġjuż, ħajtu tista' tgħid li kienet iċċentrata lejn dawn il-fenomeni reliġjużi. Ried li kull ħaġa jew ċaqlieqa li jagħmel tkun immarkata bis-simbolu ta' twemminu. Għalkemm ma nemminx fl-estremitajiet xorta waħda ma narax għalfejn illum il-ġurnata kważi warrabna dawn id-drawwiet u tradizzjonijiet li għal missirijietna kienu l-qofol, biex saħansitra għaż-żmien modern li qed ngħixu llum, il-ħajja fil-maġġorparti tagħha qed tiġi mgħixa b'influenzi u addattamenti għal stili sekularizzati. Żgur li fil-fehma tiegħi meta l-ħajja tkun ibbilanċjata, b'tiżwieqa ta' prattiċi bħal dawn, ser tħalli effetti tajbin li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal ordni u l-kisba tal-veru paċi.


## GĦALFEJN TIXTRI KAROZZA *SECOND HAND* META TISTA TIXTRI L-ĠDID GĦALL-ISTESS PREZZ JEW INQAS?




- 1,576,800 MINUTA* TA' SERĦAN IL-MOĦĦ B'GARANZIJA FUQ *PARTS* U *LABOUR*
- KAROZZA ĠDIDA LI ĦA ĠGAGĦLEK TĦOSSOK TAJJEB U SODISFATT
- PREZZIJIET JIBDEW MINN €8,500

*1,576,800 MINUTA = 1,095 ĠURNATA = 3 SNIN

**MIRA MOTOR SALES LTD**
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES
Mriehel By-Pass, Mriehel BKR 3000
Tel: 2278 1278 Fax: 2148 0150
Email: chevy@zamgroup.com

**GET REAL!**

CHEVROLET

# SHOES | DESIGNED TO MOVE YOU






Art. 68783 Size. 37 - 41
Art. 68784 Size. 41 - 47



Art. 68773 Size. 36 - 42
Art. 68774 Size. 40 - 47



Art. 68753 Size. 36 - 42
Art. 68754 Size. 40 - 47

ECCO Pro series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the **Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue & Security and Traffic Wardens.**

All styles in the ECCO Pro range are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

ECCO uses Hydromax™ leather which is approved by GORE-TEX® standards as having many advantages. It has the ability to expand when it gets wet, which means that the leather remains water-repellent for up to 10 hours! This technological leather is one of the finest water-repellent and windproof leathers. A special tanning process ensures high breathability on the inside and a water-repellent surface on the outside, optimizing the function of the GORE-TEX® membrane. The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

We also offer a full range of shoe care products which include; Waterproofing Protection Spray, Daily Shoe Care Cream and Shoe Shine Sponges. All are GORE-TEX® approved.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt
Also available from "Lucky Shoe" Tigrija Palazz, Victoria, Gozo Tel: 21559335

Our current seasonal collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT

ecco®

# WPIST – Turnament tal-Futbol ġewwa Eibergen, Olanda

WPS93 Carol Fabri







Bejn it-12 u s-16 ta' Ottubru, 2009 il-villaġġ ta' Eibergen ġewwa l-Olanda laqa' 160 tim tal-futbol minn diversi taqsimiet tal-Forzi tal-Ordni minn 40 pajjiż minn madwar id-dinja. Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta kien rappreżentat minn tliet timijiet - tim ta' l-irġiel, ieħor ta' 'l fuq minn 35 sena u tim tan-nisa.

Sabiex timijiet minn Malta setgħu jieħdu sehem f'dan it-turnament saru preparamenti kbar u minn ħafna żmien qabel. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija ħadem bis-sħiħ biex din il-ħolma ssir realta', imma ssir realta' biss bis-serjeta' u d-dedikazzjoni li kull persuna li kellha tifforma parti minn dan il-kontinġent kellha ġġor. Saru bosta laqgħat, ħarġu figuri ta' kemm setgħet tiġi tiswa' din il-parteċipazzjoni, min kien ser ikun fid-delegazzjoni (apparti dik ta' plejers) u bosta ostakli oħra, li bil-għaqal u maturita' wasslu biex il-kontinġent ikun iffurmat minn 42 membru tal-Korp. Dan kien l-ikbar kontinġent li qatt ħa sehem f'turnament tal-futbol.

Wieħed ma jistax ma jikkummentax fuq il-brijju u l-imġieba fantastika li l-kontinġent Malti ġarr miegħu matul dan it-turnament. Kien fulkrum importanti sabiex saru diversi kuntatti, nibtu ħbiberiji ġodda u għamilna ħoss, ħoss li għalkemm aħna gżira żgħira xorta għandna potenzjal kbir biex nikkompetu ma' min, ħafna mill-ħin tiegħu fis-servizz iqattgħu jittrenja.

Is-sapport lejn it-timijiet waqt il-logħob ma naqasx. Għalkemm il-logħob sar f'żewġ padiljuni, it-tim tan-nisa xorta ta' s-sapport tiegħu, għaliex il-grupp inqasam fi tnejn u min baqa' jara t-tim ta' 'l fuq minn 35 sena u min mar jara t-tim l-ieħor tal-irġiel. Peress li n-nisa lagħbu wara nofsinhar, ma naqasx li kulħadd baqa' jissaportja lit-tim tan-nisa.




Ħaġa li t-tim Malti huwa kburi biha huwa li l-kontinġent ta' plejers li tela' kien kollu kompost minn Pulizija, waqt li l-kumplament tat-timijiet kellu żewġ *guest players* li għamlet id-differenza kollha. Forsi ssaqsu, allura aħna ma stajniex nagħmlu hekk ukoll? Il-kommunikat li kull tim seta' jkollu żewġ plejers 'barranin' waslet meta kulħadd kien ħallas il-prezz dovut għal din l-avventura u bħala kontinġent konna diġa assenjati l-kmamar u b'hekk in-numru ta' parteċipanti ma setax jikber iktar.



Pero' l-akbar biċċa xogħol kienet f'idejn in-nurse, is-Supretendent Marco Mallia, li kieku ma kienx għalih, in-numru ta' plejers imweġġa' kien ikun ikbar. Is-saħħa f'dan it-turnament żgur ma kinitx parti integrali mill-programm tal-organizzaturi!

















## Marveld - Groenlo

Il-kontinġenti parteċipanti kienu kollha akkomodati fir-riżort turistiku ta' Marveld. Wieħed jista' jgħid li dawk kollha li qattgħu l-vaganzi tagħhom f'dan ir-riżort seta' jaffaxxina ruħu bil-kulturi differenti li żejnu l-ambjent ta' Marveld.

Kull pajjiż parteċipant kellu jżejjen il-*bungalow* tiegħu u ma setgħax jonqos li bħala Maltin, li aħna magħrufin għat-tiżjin, ma ħallejna xejn barra - bnadar, bżieżaq u karti kienu parti mill-festa ta' tiżjin ma' kull *bungalow*. Peress li bħala Maltin ma kellniex il-faċilita' ta' vetturi nkrew ir-roti u wieħed jista' jaħrab ftit bl-immaġinazzjoni tiegħu meta jqis li aħna l-Maltin ma tantx aħna mdorrijin nużaw ir-rota flok il-karozza!

Ma jistax jonqos li fil-ġurnata tal-ftuħ ta' dan it-turnament il-bnadar sew dik Maltija u dik tal-Korp ixxejjru b'għaqal u b'diliġenza kbira li kulħadd kompla magħna fil-brijju li qajjimna, kemm sakemm konna qed nistennew biex nidħlu, kif ukoll waqt il-mixja tagħna ġewwa. Mument vera memorabbli għal kulħadd.

Bħal f'kull avveniment li jkollu l-massa ta' nies kien hemm ukoll xi diverġenzi mal-organizzaturi – bħal meta ntalab *wheel-chair* għall-membru li weġġa' waqt il-logħob – dan baqa' mingħajru u kien biss għall-ġenerożita ta' kollegi barranin li kien jirkeb magħhom sabiex jiltaqa' mal-bqija tal-kontinġent. Problema oħra kienet li kull pajjiż kien assenjat persuna sabiex tara li ma kien jonqos xejn – imma kieku ma kinitx għall-abbilita' tagħna l-Maltin, konna nibqgħu l-art f'kollox. Pero' ma ħallejniex dawn l-affarijiet ixekklu l-entużjażmu li tela' bih il-kontinġent Malti.

## Tim tan-Nisa – l-ewwel esperjenza

Kulħadd kien xettiku bil-parteċipazzjoni ta' dan it-tim f'turnament li l-livell ta' logħob huwa wieħed kemmxejn għoli. Pero' r-risposta waslet fid-dedikazzjoni mill-ewwel ġurnata ta' taħriġ sakemm wasal il-jum biex it-tim jikkompeti fl-ewwel logħba.

Għalkemm ir-riżultati jagħtu mpressjoni differenti, kull plejer utilizzat, ta qalbu biex l-isem tal-Korp Malti jirrenja, speċjalment Lorna li kienet qed tiddefendi l-lasti Maltin (sakemm imbagħad sfat imweġġa').

Meta wieħed iqabbel ir-riżultati ma' ta' timijiet oħra, issib li kien hemm min qala' 63 u 46 gowl – mentri t-tim Malti, li kien qiegħed jikkompeti għall-ewwel darba qala' 25 u tajna 2. Forsi toħroġ tbissima fuq xuftejn il-qarrejja, imma wieħed irid jara biex jemmen!

B'kollox kien hemm 4 gruppi, u t-tim Malti kien fi Grupp D. Għalkemm spiċċajna l-aħħar fil-grupp, it-tim xorta offra reżistenza liema bħala. Ta' min jgħid li żewġ timijiet minn dan il-grupp, KMAR (Olanda) u Madrid (Spanja) spiċċaw fit-tieni u t-tielet post rispettivament. Ta' min jgħid li minn kull grupp kienu jgħaddu biss l-ewwel żewġ timijiet.

L-entużjażmu u d-dedikazzjoni li rrenjaw f'dan il-grupp kienu xi ħaġa inkredibbli, u dan grazzi għal kowċ Sandro Mallia PS 1480, li għaraf x'inhu tajjeb u l-aħjar għat-tim.

## Grupp D - Nisa

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | [NED] KMAR | | 1-2 | 7-0 | 2-0 | 2-0 | 3-0 | 3-0 | 5-1 |
| 2 | [ESP] Madrid | 2-1 | | 7-0 | 6-0 | 0-0 | 5-0 | 5-0 | 7-0 |
| 3 | [NED] Gelderland-Midden | 0-7 | 0-7 | | 0-3 | 3-2 | 0-2 | 0-4 | 1-1 |
| 4 | [NED] Utrecht | 0-2 | 0-6 | 3-0 | | 1-1 | 0-1 | 2-0 | 4-0 |
| 5 | [GER] Düsseldorf | 0-2 | 0-0 | 2-3 | 1-1 | | 1-1 | 0-0 | 5-0 |
| 6 | [ITA] Milano | 0-3 | 0-5 | 2-0 | 1-0 | 1-1 | | 1-0 | 3-0 |
| 7 | [HUN] Budapest | 0-3 | 0-5 | 4-0 | 0-2 | 0-0 | 0-1 | | 0-0 |
| 8 | [MLT] Malta | 1-5 telf | 0-7 telf | 1-1 drawe | 0-4 telf | 0-5 telf | 0-3 telf | 0-0 homee | |







### Tim tal-Irġiel

Din hija l-unika kategorija li ssoltu l-kontinġent Malti kien jitla' jipparteċipa f'turnaments ta' din ix-xorta. Bħala prestazzjoni t-tim kellu logħob sabiħ, b'tim magħqud u kumpatt, fejn anke forsi kien hemm drabi li seta' rebaħ, imma kellu jikkuntenta bi draw jew telfa minima.

Bosta plejers minn din il-kategorija ma kinitx l-ewwel esperjenza tagħhom u din dehret mill-grinta lejn il-logħob. Kif jixhdu r-riżultati, ċertu logħbiet kienu milgħuba fuq saħħa u teknika. Kien jidher biċ-ċar li kull plejer Malti għamel l-almu tiegħu sabiex id-differenza fir-riżultati ma tkunx waħda kbira, u kif jixhdu r-riżultati kull tim ħa biċċa mill-qlubija Maltija.

### Grupp F - Tim tal-Irġiel +35

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | [AUT] Wien | | 2-1 | 0-1 | 0-8 | 0-7 | 0-3 | 1-2 | 1-4 |
| 2 | [ENG] Ipswich | 1-2 | | 0-2 | 1-0 | 0-3 | 4-1 | 0-2 | 0-4 |
| 3 | [SVK] Ljubljana | 1-0 | 2-0 | | 2-1 | 1-1 | 3-0 | 3-0 | 1-0 |
| 4 | [GER] Münster | 8-0 | 0-1 | 1-2 | | 0-3 | 1-0 | 0-0 | 2-1 |
| 5 | [BEL] Neerpelt | 7-0 | 3-0 | 1-1 | 3-0 | | 1-1 | 3-0 | 3-6 |
| 6 | [MLT] Malta | 3-0 rebh | 1-4 telf | 0-3 telf | 0-1 telfe | 1-1 draw | | 0-2 telf | 1-3 telf |
| 7 | [ROM] Cluj | 2-1 | 2-0 | 0-3 | 0-0 | 0-3 | 2-0 | | 2-1 |
| 8 | [NED] Zwolle | 4-1 | 4-0 | 0-1 | 1-2 | 6-3 | 3-1 | 1-2 | |

### Grupp E - Tim tal-irġiel

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | [ITA] Torino | 0-3 | | 1-2 | 0-3 | 1-1 | 5-0 | 2-3 | 1-9 | 1-2 |
| 3 | [NED] Utrecht | 1-1 | 2-1 | | 0-1 | 2-0 | 5-0 | 6-1 | 0-1 | 1-0 |
| 4 | [RUS] Petrozavodsk/Onego | 0-1 | 3-0 | 1-0 | | 4-0 | 5-0 | 5-0 | 0-0 l | 4-1 |
| 5 | [MLT] Malta | 0-4 telf | 1-1 home | 0-2 telf | 0-4 telf | | 2-0 rebh | 1-1 draw | 1-4 telf | 1-1 draw |
| 6 | [RUS] Voronezh | 0-5 | 0-5 | 0-5 | 0-5 n | 0-2 | | 0-5 | 0-5 | 0-5 |
| 7 | [FRA] Paris | 0-4 | 3-2 | 1-6 | 0-5 | 1-1 | 5-0 | | 1-2 | 2-2 |
| 8 | [TUR] Anatolia | 0-2 | 9-1 | 1-0 | 0-0 | 4-1 | 5-0 | 2-1 | | 3-0 |
| 9 | [WAL] Gwent | 0-3 | 2-1 | 0-1 | 1-4 | 1-1 el | 5-0 | 2-2 | 0-3 | |

# Il-15-il Laqgħa tal-*Annual Programme Committee* tas-CEPOL tinżamm f'Malta

Bejn it-3 u l-4 ta' Settembru 2009, inżammet f'Malta, eżattament fil-lukanda Corinthia ta' San Ġiljan, il-15-il-laqgħa tal-*Annual Programme Committee* (APC) tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, magħruf aħjar bħala 'CEPOL'.

Għal min ma jafx, 'CEPOL' hija aġenzija tal-Unjoni Ewropeja u għandha s-sede tagħha fi Bramshill, l-Ingilterra. Hi taħdem fuq il-prinċipju ta' *network* bejn l-Akkademji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja fejn l-għan ewlieni tagħha hu li tipprovdi korsijiet, seminars u programmi ta' *exchange* lill-fizzjali tal-Pulizija u dan fost affarijiet oħra.

Fil-laqgħa li saret Malta u li għaliha attendew madwar 22 delegat mill-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll mis-Segretarjat tas-CEPOL stess fosthom id-Direttur Ulf Gorannson, ġew diskussi diversi punti importanti. Fost dawn wieħed isib:

- Il-proposta sabiex ikun hemm koperazzjoni fuq taħriġ maċ-Ċina;
- ir-Rapport dwar l-Attivitajiet u l-istatistika relevanti fuq il-korsijiet u seminars li saru fl-ewwel nofs ta' din is-sena;
- l-izvillupi dwar il-*Common Curricula* ta' diversi suġġetti li ġew imnedija mis-CEPOL;
- il-Programm ta' *Exchange* tal-fizzjali u l-impatt li jista' dan ikollu fuq lis-Stockholm Programme;
- l-izvillup ta' *e-learning modules*;
- l-izvillup u l-akkreditazzjoni tal-kors '*International Police Cooperation*' għas-sena 2010;
- L-approvazzjoni tal-kalendarju 'draft' għall-korsijiet u seminars għas-sena 2010. (Malta fil-fatt ser torganizza s-seminar *Nature and Environmental Crime*); u
- l-proposta tas-CEPOL sabiex ikollha post fit-taħriġ ta' pulizija rigward missjonijiet ta' *international crisis management*.

F'din il-laqgħa, il-Pulizija Maltija kienet irrapprezentata mis-Supretendent Dr Mario Spiteri LL.D.




Id-delegati kellhom ukoll programm soċjali li kien jinkludi ħarġa fit-Tliet Ibliet kif ukoll ikla tradizzjonali li saret f'*restaurant* ewlieni fil-Birgu.

Fit-tmiem il-laqgħa, iċ-chairman, l-Olandiż Mihiel Holtakers, ma kellux ħlief kliem ta' tifħir għall-mod eċċellenti ta' kif saru l-preparamenti u ta' kif ġiet organizzata din il-laqgħa. Mertu u ħajr imur ukoll għall-Ispettur Marthese Micallef u WPC Maria Zammit Ciantar tal-*EU Affairs Office* li ħadmu bis-sħiħ rigward il-loġistika u l-preparamenti sabiex din il-laqgħa fuq livell reġjonali tirnexxi u tkun suċċess.

Bejn it-3 u 6 ta' Novembru, 2009, Malta organizzat ukoll seminar tas-CEPOL taħt l-isem, *Fraud against the European Union and European Institutions including Euro counterfeiting*. Iżda fuq dan, ngħidulkom aktar fil-ħarġa li jmiss.

# Surveillance Technology For the world of tomorrow available today




For almost a quarter of a century, Dedicated Micros has constantly stretched the boundaries of CCTV technology. Not just in the research and science behind it, but in the imagination and vision that drives it everforward. And the result? Security and surveillance technology that is opening up a whole new world of exciting possibilities, and bringing the future a little closer each day.

- Casino and Online Gaming
- Banking
- Small, Medium to Enterprise Solutions
- Law Enforcement
- Transportation

The ability to deliver live and recorded video, straight from any camera or hard disk direct to any desktop PC, provides an extremely cost-effective method of increasing the number of control stations in the system. It also widens the value of the security system by opening up the real benefits of CCTV to all areas of the organisation.

## www.dedicated micros.com

PSI Product of the Year Awards 2003 WINNER

IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1 WINNER

IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS WINNER 2·0·0·2

BLB 017 Bulebel Industrial Estate, Zejtun ZTN 3000
Fax 21 449 170 • E-mail: sales@dmicros.com.mt • For more information call

DEDICATED MICROS

Tel: 2381 9238 – 2148 3673

# Istitut Bourguiba Tunis

Kull min għandu għal qalbu l-istudju jara kif jagħmel biex jimraħ f'dak is-suġġett li huwa għal qalbu. U hekk għamel il-kollega tagħna, il-Kuntistabbli 350 Emanuel Said.

F'ċirkulari maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, ħarġet sejħa għal pakkett ta' studju għal dawk il-Maltin li jixtiequ jkomplu javvanzaw fil-lingwa Għarbija, liema pakkett kien qed jiġi offrut mill-Ministeru tal-Edukazzjoni Tuneżin. Lokalment applikaw tliet persuni, fosthom il-Kuntistabbli Emanuel Said, li kienu ser jingħaqdu ma' numru ikbar ta' parteċipanti minn kull rokna tad-dinja.

Il-kors sar bejn il-31 ta' Lulju u d-29 ta' Awwissu, 2009, u kopra ħames suġġetti: l-qari, l-kitba, s-smigħ, il-grammatika, u l-konverżazzjoni.

Qabel beda l-kors saru diversi eżamijiet sabiex ikun determinat il-livell li kull student kellu fil-lingwa Għarbija, kif ukoll kull parteċipant kellu jagħmel preżentazzjoni fuqu u fuq ix-xogħol li jagħmel fil-pajjiż rispettiv tiegħu.

Sabiex dan il-kors ikun suċċess, il-Kuntistabbli Said qatta' ħafna mill-ħin liberu tiegħu jaqra u jitħarreġ fil-konverżazzjoni. Dan is-sagrifiċju ta' il-frott mixtieq fir-riżultati miksuba meta ġab marki għoljin li waslu għal kisba ta' Diploma u Ċertifikat ta' attendenza.
Għal PC Said din l-esperjenza kienet sfida personali – sfida li kien kapaċi jasal sat-tmiem f'waħda mill-aktar akkademji prestiġjużi fil-lingwa Għarbija.



Sakemm kien għaddej b'dan il-kors, PC Said kien il-mistieden tal-Ambaxxatriċi għal Malta f'Tunis, fejn tkellmu fuq diversi suġġetti u temiet. L-E.T uriet il-pjaċir li Maltin kienu qed juru interess qawwi fil-lingwi, speċjalment lingwi mhux Ewropej.

Hawn taħt qed nipproduċu korrispondenza li għaddiet mill-Ambaxxatriċi għal Malta ġewwa Tunis, l- E.T. Victoria Ann Cremona u l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Carmelo Mifsud Bonnici

*From: Cremona Victoria Ann at MFA Tunis*
*Sent: 03 September 2009 15:36*
*Subject: three scholarship students*

*Dear Minister Borg, Minister Mifsud Bonnici, Minister Cristina,*
*I am pleased to inform you that the three persons who obtained a scholarship to attend the 45th Summer Intensive Arab course at the prestigious Bourguiba Institute in Tunis have very successfully completed their course here. These are :*
*Mr. Emanuel Said, Police Constable PC 350 at the Security Branch*
*Mr. Noel Xuereb – currently unemployed, but with a degree in Arabic from UoM*
*Mr. Kurt Xerri – law student at UoM*

*The first two attended the third level course, and not only obtained a certificate of attendance, but distinguished themselves highly in at least three of the five skills taught: Speaking, Listening, Writing, Grammar and Comprehension. The third also completed his exams at the first level successfully. I can vouch for the fact that all three studied very hard, because the course is tough and very intensive, and is attended by people from all over Europe*



*– I personally know someone who came over from Chatham House, London. They spent all their time working, in fact, it was not easy to arrange to meet them as they spent all their evenings poring over their books. Mr. Vella Fonde invited them for a drinks and snacks at his house, and I had them for supper, where they gave me a good breakdown of what their courses had consisted of. All three praised the quality of the course highly, and would not mind coming again to attend a higher level next time.*

*I think it is an excellent thing that somebody from the Police force should be taking the initiative to perfect himself further in a language which is so useful to us, both on the level of neighbourly relations and on that of illegal migration, and feel that this sort of thing should be highly encouraged, with more incentives provided to take the scholarship. Regretfully, this year we let one scholarship go by, because there were no candidates for it, and all three have told me that the scholarships need to be better advertised – than simply the ministry's website. I have also encouraged Mr. Xuereb to look for job possibilities in Malta, as with his level of Arabic, and the fact that the Union for*




*the Mediterranean should be developing, I think his capabilities* could be put to good use. I also congratulated the young student for being so forward-looking.

I thought you might be pleased to know this news, as it is always satisfying to hear that thanks to collaboration with Tunisia, we have helped people from our ministries,
where this type of language is really useful, and others who have shown the right keenness and dedication, to improve themselves,

regards

Vicki Ann Cremona
Ambassador//Ambassadeur
Ambassade de Malte
Imm. Carthage Center
Rue du Lac de Constance
B.P. 71
1053 Les Berges du Lac - TUNIS
From: Mifsud Bonnici Carmelo at MJHA
Sent: 07 September 2009 09:41
To: Bezzina Christopher at MEDC; Cremona Victoria Ann at MFA Tunis; Borg Tonio at MFA; Cristina Dolores at MEDC

Cc: Inguanez John at MFA; Debattista Michela-Maria at MFA; Mizzi Helga at MFA; Mangion Melvyn at MFA; Borg Darren at MFA; Mamo Antonia at MFA; Seychell Andrew at POLICE; Attard Pirotta Cecilia at MFA
Subject: RE: three scholarship students

Prosit nieħu pjaċir nisma aħbarijiet bħal dawn.

Carmelo Mifsud Bonnici
Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern



# GUIDO VELLA
CASH & CARRY

## *...your one-stop shop*



HAMPER**01**
1x Bottle White Wine
1x Bottle Norton Red Wine
1x Trapa Assorted Chocolates

**€10**



HAMPER**02**
1x Bottle Red Wine
1x Bottle White Wine
1x Bottle Norton Red Wine
1x Classic Santa Biscuits in Tin

**€15**



HAMPER**03**
1x Bottle Cielo Merlot
1x Bottle Cielo Soave
1x Bottle Premio Red Wine
1x Bottle Premio White Wine
1x Classic Santa Biscuits in Tin

**€20**



HAMPER**04**
1x Bottle Famous Grouse
1x Bottle Romer Sparkling Wine
1x Bottle Cielo Soave
1x Trapa Assorted Chocolates
1x Classic Santa Biscuits in Tin

**€30**



HAMPER**05**
1x Gancia Pinot Di Pinot
1x Famous Grouse
1x Vladivar Vodka
1x Bottle Premio Red Wine
1x Bottle Premio White Wine
1x Baci Cake
1x Classic Santa Biscuits in Tin

**€50**



HAMPER**06 - VIVA MALTA**
1x Limuncell
1x Laringa Llqiuer
1x Gozo Extra Virgin Oil
1x Capers
1x Gulep tal- Harrub
1x Sundried Tomatoes
1x Honey
1x Marmalade Orange

**€50**

*Large variety of wines, spirits, beverages, foodstuffs, confectionery and more at cash & carry prices!*

Guido Vella Ltd., Amleto Spiteri Street, Qormi
**Fax:** 21 449 941 **E-mail:** guidovella@farsons.com **www.farsons.com/guidovella**
**Tel:** 21 484 390 / 21 470 940




**ATTRACTIONS:**

Fun, Magic, Games, Singers, Local & Foreign Performers, Animation, Dancers, Puppet Shows, Christmas Choirs, Christmas Parade and much more....

21 27 79 37 42 83

Splash & Fun Park
Coast Road,
Bahar ic-Caghaq
Email: info@splashandfun.com.mt

Coca-Cola · PERUGINA · melita · Bubbles · Leon Promotions

# Il-25 Anniversarju mit-Traġedja tal-Patrol Boat P23

eks-2nd S.M.444 Joseph Gatt

Nhar il-Ġimgħa l-4 ta' Settembru 2009 sirt naf mill-miedja li t-Tnejn 7 ta' Settembru 2009 f'Xatt it-Tiben ser jiġi mfakkar il-25 anniversarju minn meta splodiet il-Lanċa P23 tal-Armata ta' Malta. Dakinhar tilfu ħajjithom sebat irġiel tas-servizz, ħamsa mill-Armata u żewġ Pulizija. Kienet traġedja kerha li ħalliet seba' familji f'niket kbir.

It-Tnejn 7 ta' Settembru 2009 fit-8.30 ta' filgħodu kont fil-Kwartieri tal-Armata, f'Xatt it-Tiben. Kien hemm numru sabiħ ta' membri u eks-membri tal-Armata - kollegi tal-vittmi. Il-familjari tal-vittmi ġew bi ħġarhom, iżda eks-membri mill-Korp tal-Pulizija ma kien hemm ħadd.

Jirrappreżentaw il-Korp tal-Pulizija kien hemm id-Deputat Kummissarju Joe Cachia flimkien ma' fizzjali oħra.

Poġġejt fuq wara, iżda wieħed mill-organiżaturi nsista li jien immur quddiem. Jiena spjegajtlu li ma kontx uffiċjalment mistieden iżda attendejt għax kont kollega taż-żewġ vittmi membri tal-Korp tal-Pulizija. Baqa' jinsisti u sibt ruħi fl-ewwel filliera ħdejn is-Sur Cachia u l-fizzjali l-oħra tal-Pulizija u tal-Armata.

Waqt il-funzjoni reliġjuża ferm kommoventi mort lura fiż-żmien b'25 sena.






Dak iż-żmien kont stazzjonat Għawdex. Fis-7 ta' Settembru 1984 kont xogħol fl-Għassa tar-Rabat Għawdex meta daħal pajżan u tana l-aħbar li splodiet lanċa tas-sajd iżda din l-aħbar malajr inbidlet u sirna nafu li l-lanċa kienet Patrol Boat tal-A.F.M.

Inżilna x-xatt tal-Imġarr u fil-bogħod rajna daħna sewda u numru ta' opri tal-baħar isalpaw lejn dik id-daħna.

Aktar tard fil-ġurnata, rċevejt telefonata mid-Depot tal-Pulizija fejn ġejt ordnat biex immur l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex biex nara niddentifikax lil xi




ħadd mill-vittmi.

F'moħħi ma kelli lil ħadd li stajt naf għax ftit kont naf nies mill-Armata. Meta dħalt fil-kamra mortwarja u ġejt muri l-ewwel vittma ħadt il-ħasda ta' ħajti, kien il-kollega u ħabib tiegħi s-Surġent Salvu Muscat, ma flaħtx ngħid kelma. Naħseb li sirt isfar lel-lux. Il-persuna li kien il-kamra mortwarja saqsini jekk kienx qed iħossni ħażin. Sibt il-kliem u għidtlu le. Urieni vittma oħra. Ma kontx nafu u ħsibt f'qalbi li l-kbir għadda, iżda kont imqarraq. Kien għad baqa' l-Kuntistabbli Joe Hare. Ħassejt riġlejja bla saħħa u għamilt il-kuraġġ u kkonfermajt li għaraft tnejn mill-vittmi.

Ftit wara li wasalt lura l-Għassa tar-Rabat Għawdex, mill-kamra mortwarja ġejt inkarigat biex immur għand il-familja tal-



THINK CARS. THINK...
AUTOBAHN

IMPORTERS OF NEW AND QUALITY USED CARS
*Mdina Road, Zebbug • Tel: +356 2145 0203, 2145 0291*
*Fax: +356 2145 2710 • email: info@autobahnmalta.com*

www.autobahnmalta.com

A MEMBER OF USED VEHICLE IMPORTERS ASSOCIATION UVIA

Bumbardier Antoine sive Tommy Vella, biex nagħti l-aħbar tad-diżgrazzja lil familjari tiegħu. Dan kien l-iżgħar vittma, żgħażugħ ta' għoxrin sena. Meta wasalt max-xufier ħdejn il-bieb u ħabbat, ma kelli għalfejn ngħid xejn għax l-omm li kienet ġa semgħet bl-aħbar tal-patrol boat, basret u nfexxet f'esteriżmu kbir. Ingħaqdu magħha xi familjari u ġirien. Kienet xena kommoventi għall-aħħar. Dawn in-nies ma kontx nafhom iżda ma stajtx ma naqsamx magħhom dak in-niket.

Meta żmien qabel kont stazzjonat id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali ħdimt mas-Surġent Salvu Muscat u l-Kuntistabbli Joe Hare. Kienet ħaġa komuni li niltaqgħu fil-mess biex nieħdu xi kafe. Fl-1978 jiena kont mas-Surġent Salvu Muscat fl-"Scuola Ufficiali Carabinieri" f'Ruma. Għalkemm konna fuq kors differenti, kont nitpaxxa nisma' t-Taljani ifaħħruh u jgħidu kemm spikka waqt il-kors tiegħu fl-Akkademja u kemm kien bravu. Kemm Salvu kif ukoll Joe Hare kienu żewġ persuni ferrieħa dejjem bi tbissima fuq wiċċhom u tieħu gost titkellem magħhom.



Bħala eks-Pulizija apprezzajt ħafna l-ġest li għamel il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta meta flimkien ma' oħrajn ġie deċis li jinbena monument ta' tifkira ġdid biex b'hekk jinkludu mal-vittmi tal-Armata ż-żewġ vittmi l-oħra membri tal-Korp tal-Pulizija.

Il-ħassra kbira kienet li għal din l-okkażjoni b'tifkira f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mid-diżgrazzja tal-Patrol Boat P23 jiena kont l-uniku eks-Pulizija preżenti.

Dawn is-seba' vittmi żgħażagħ iltaqgħu ma' dan id-destin għax bħala nies tas-servizz obdew l-ordnijiet li ġew minn fuq.

Ma ninsewkom qatt kif ma nistgħux ninsew lil dawk il-membri l-oħra tal-Pulizija li ħallew ħajjithom waqt il-qadi ta' dmirijithom.




# Ħatra ta' Supretendent ġdid



Nhar il-15 ta' Settembru 2009, l-Ispettur Anzjan Norbert Ciappara inħatar Supretendent. Preżenti għal ħatra kien hemm il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr. Carmelo Mifsud Bonnici LL.D., MP, u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo. Il-Kummissarju feraħ lis-Sur Ciappara u semma' kif is-Sur Ciappara fis-snin li għamel stazzjonat fl-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, ta kontribut kbir u filfatt kien wieħed mill-*front-liners* fil-għlieda kontra d-droga u l-kriminalita'. Is-Sur Rizzo qal lis-Sur Ciappara li r-responsabilita` fil-kariga ta' Supretendent hija akbar u li għandu jkun ta' eżempju għas-subordinati tiegħu. Il-Ministru Mifsud Bonnici ingħaqad mal-Kummissarju billi feraħ lis-Sur Ciappara tal-kariga ġdida tiegħu. Il-Ministru semma' kif fix-xogħol tagħna għandna nagħtu importanza lill-vittmi ta' reati billi ninfurmawhom x'qed isir fl-investigazzjoni. Dan ikun ifisser li nkunu qed nagħtu servizz aħjar lill-poplu. Dr Mifsud Bonnici għamel ukoll aċċen għall-qabda rekord riċenti ta' 450 kilo tad-droga kannabis. Huwa qal li kuntent ħafna b'dan is-suċċess. Il-Kummissarju u l-Ministru t-tnejn temmew billi awguraw lis-Supretendent Ciappara u lill-familja tiegħu għal din il-ħatra importanti.

F'kumment qasir li tana, is-Supretendent Ciappara qal li huwa kuntent ta' l-apprezzament li ġie muri għax-xogħol li huwa għamel. Huwa qal ukoll li din hija kariga ta' aktar responsabilita` u wieħed irid ikollu l-istess entużjażmu fix-xogħol ta' kuljum fil-għlieda kontra l-kriminalita`.

Is-Supretendent Ciappara għandu 21 servizz u ilu għal dawn l-aħħar 12-il sena stazzjonat fl-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija. Issa huwa ser jibqa' stazzjonat f'din l-Iskwadra fir-rank ġdid ta' Supretendent.

*Il-Pulizija* tifraħ lis-Supretendent Norbert Ciappara għall-ħatra tiegħu u tawguralu aktar suċċess fil-karriera tiegħu.

## Żjara mill-Onorevoli Dr Simon Busuttil, Membru tal-Parlament Ewropew

Nhar id-29 ta' Ottubru 2009, l-Onorevoli Dr Simon Busuttil, membru tal-Parlament Ewropew, żar it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta.



Waqt din iż-żjara Dr Busuttil ġie milqugħ mid-Deputat Kummissarju s-Sur Joseph Cachia, l-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi u l-Assistent Kummissarju Andrew Seychell, inkarigati mill-Amministrazzjoni u l-Ispecial Branch tal-Korp tal-Pulizija rispettivament.

Dr Busuttil wera x-xewqa li xtaq li jzur is-sezzjoni fil-Korp li tieħu ħsieb ix-xogħol li hu involut fih hu fil-Parlament Ewropew, sabiex ikun hemm kuntatt regolari bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Membru Parlamentari. Huwa kompla jisħaq li bħala rappreżentant Malti fil-Parlament huwa ħa jkompli jagħti feedback lill-Korp tal-Pulizija fuq "issues" relatati mal-Unjoni Ewropeja.

Dr Busuttil ġie mdawwar mas-sezzjonijiet tal-IRU mis-Supretendent Sandro Zarb, l-Uffiċjal Inkarigat mit-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali u l-Ispettur Dr.Mario Cuschieri inkarigat mit-Taqsima tal-Europol u s-SIRENE. Iż-żjara temmet b'Dr Busuttil jisħaq d-disponibbilita` tiegħu biex jgħin lill-Korp tal-Pulizija fi kwalunkwe eventwalita'.



GLOCK®
PERFECTION
SPECIAL OFFER ON ALL GLOCKS
TO ALL POLICE OFFICERS
fieldsports
FIREARMS & AMMUNITION
17 Parish Square, Mellieha MLH1070
Tel 21522602, Mob 99458801
email info@fieldsportsmalta.com
www.fieldsportsmalta.com





# 90 sena Banda tal-Korp tal

**Bejn l-1919 u l-1922 il-Korp tal-Pulizija kien immexxi mill-Kummissarju il-Logutenent Kurunell Henry William Ba biss dan il-Kummissarju ta' bidu għal diversi riformi fil-Korp li kienu tant meħtieġa, riformi li ħafna minnhom għ seħħ fis-7 ta' Ġunju, 1919.**

Waħda minn dawn id-diversi riformi li għamel dan il-Kummissarju huwa propju t-twaqqif tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija. Dan seħħ fl-istess sena li Bamford laħaq Kummissarju. Hu kien ħareġ sejħa sabiex jinħatar l-ewwel surmast tal-banda minn barra l-Korp fejn kien intagħżel is-surmast E. Magro, ex-surmast tal-orkestra tal-*Commander-in-Chief* f'Malta.

Ftit wara l-ħatra ta' dan is-surmast, kienet saret sejħa għall-bandisti minn fost il-membri tal-Korp stess fejn wieġbu għal din is-sejħa tlettax-il bandist biss. Għalkemm b'numru daqshekk żgħir ta' membri, il-Banda bdiet tagħmel it-taħriġ tagħha fil-waqt li fil-Korp ingaġġaw ukoll bandisti mill-*Malta Royal Artillery* u mill-*King's Own Regiment* biex b'hekk il-Banda imbagħad kibret għal numru ta' tletin ruħ.

F'dan iż-żmien il-Banda bdiet timpenja ruħha f'diversi ċerimonji uffiċjali u xi kunċerti oħra fil-Palazz il-Belt, San Anton u l-Buskett fost oħrajn u minn dak in-nhar, il-Banda qatt ma ħarset lura.

Is-surmast Magro dam imexxi l-Banda għal għoxrin sena sħaħ, sal-1939 meta imbagħad irtira mill-Korp fl-eta' ta' sittin sena u postu ħadu membru tal-Korp, is-Surġent-Maġġur Carmelo Brincat fejn il-Banda kompliet tkabbar is-suċċessi tagħha. Is-surmast Brincat dam imexxi l-Banda għal sbatax-il sena meta spiċċa mill-Korp fl-1956 fl-eta' ta' sittin sena wkoll. Fl-1957, wara xi żmien wieqfa l-Banda reġgħet bdiet tiffunzjona din id-darba taħt it-tmexxija tal-Ispettur Anzjan Vincent Bonnici.

Sfortunatament minħabba esiġenzi tas-servizz, il-Banda kellha tieqaf għal xi żmien fejn imbagħad is-surmast Bonnici rtira bil-pensjoni fl-1965. F'din l-istess sena, il-Banda reġgħet bdiet tiffunzjona taħt it-tmexxija tas-Surġent-Maġġur Vincent Cremona li dam imexxi l-Banda għal tmien snin sal-1973 meta imbagħad reġa' rritorna bħala surmast l-Ispettur Anzjan Vincent Bonnici. Iżda minħabba li fis-snin sebgħin bdew jirtiraw diversi bandisti u ma jiddaħħlux oħrajn flokhom, il-Banda reġgħet ġiet xolta.

Il-Banda imbagħad reġgħet ġiet imwaqqfa fl-1986 taħt is-surmast preżenti, l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar fejn damet biss sal-1987. Aktar tard l-Ispettur Cassar reġa' ġie assenjat ukoll sabiex jerġa' jirrijattiva l-Banda fl-1994 fl-okkazzjoni tal-180 sena mill-fondazzjoni tal-









# l-Pulizija

Bamford MBE. Għalkemm dam imexxi l-Korp għal sentejn għadhom fis-seħħ sal-lum. Dan kien wara l-inkwiet li kien



Korp tal-Pulizija, fejn il-Banda baqgħet tiffunzjona mingħajr interruzzjonijiet sal-ġurnata tal-lum.

Fil-fatt din is-sena hija waħda speċjali għall-Banda tal-Korp tal-Pulizija li llum hija ffurmata minn xejn anqas minn sittin membru, għaliex hija qiegħda tiċċelebra d-disgħin sena minn mindu ġiet imwaqqfa għall-ewwel darba fl-1919.

F'dan l-Anniversarju tal-Banda nixtiequ nsellmu lis-surmastrijiet li kellha l-Banda matul dawn l-aħħar disgħin sena, lill-bandisti li dejjem taw issehem sħiħ tagħhom kif ukoll lill-Kummissarji li żammew il-Banda miexja tul dawn is-snin kollha, b'mod speċjali lill-Kummissarju preżenti s-Sur John Rizzo ta' l-interess li jieħu fil-Banda u tal-għajnuna u sostenn li huwa dejjem tagħha.

Ma nistgħux ninsew lanqas lill-membri tal-Korp tal-Pulizija li dejjem taw l-inkoraġġiment tagħhom kif ukoll lill-pubbliku Malti tal-apprezzament li dejjem wera lejn il-Banda tal-Korp.

Lill-Banda nixtiequlha AD MULTOS ANNOS.
Domineirige Nos.













# Il-Precision Drill Team fil-Malta Military Tattoo

Spettur Stephen Mallia - Kmandant tat-Team

**Is-sena 2009 waslet fi tmiemha u magħha għaddiet ukoll is-sitt edizzjoni tal-*Malta Military Tattoo*. Kif sar fl-aħħar snin, din l-aħħar edizzjoni saret f'Ottubru ġewwa t-tinda tal-MFCC f'Ta' Qali fejn bħas-soltu l-attendenza kienet waħda numeruża.**

Għal darb'oħra il-*Precision Drill Team* tal-Korp tal-Pulizija reġa' kien fost il-mistednin biex jipparteċipa bil-wirja spettakolari tiegħu. Ħadet sehem ukoll il-banda tal-Korp li esebiet wirja varjata ta' mużika u formazzjonijiet, kif ukoll diversi baned oħrajn lokali u barranin.

F'din l-edizzjoni tal-*Military Tattoo il-Precision Drill Team* żanżan esebizzjoni ġdida ta' madwar 10 minuti, liema esebizzjoni kienet iddisinjata propju għal-lok fejn jittella' t-*Tattoo*. Fil-fatt għal din l-esebizzjoni l-membri tad-*Drill Team* kienu jeħtieġu li jimmemorizzaw ammont ta' sekwenzi ġodda li f'ċerti mumenti kienu jinvolvu li kull membru jgħodd sensiela konsiderevoli ta' numri minħabba l-ispazju enormi tas-sala fejn isir dan l-avveniment.

Naturalment, meta għandek 21 membru fit-*Team* li jridu jgħoddu f'qalbhom dawk in-numri kollha u fl-istess ħin jimmanuvraw l-azzarini 303" *Lee Enfield* b'toqol ta' madwar 4.5 kilogrammi bil-bajunetta mwaħħla, il-konċentrazzjoni trid tkun totali.

Ta' min jgħid li waqt ċerti mumenti fl-esebizzjoni tagħhom il-membri tad-*Drill Team* tant ikunu viċini ta' xulxin li mhux l-ewwel darba li fit-taħriġ tal-immanuvrar u t-tidwir bl-azzarini jintlaqat xi membru u ġieli rriżultaw xi nċidenti ħfief. Għalhekk minbarra konċentrament, jeħtieġ kuraġġ minn kull membru tat-*Team*.

Madankollu, il-membri tad-*Drill Team* jagħrfu r-riskju ta' tali esebizzjoni għax wara kollox hu dan ir-riskju li jgħati dik ix-xi ħaġa speċjali ta' eċitament lill-udjenza.

Għalkemm kull membru tat-*Team* jeħtieġ jagħmel ċerti sagrifiċji waqt it-taħriġ, m'għandi l-ebda dubju li kollha huma kburin li jiffurmaw parti minn din l-iskwadra maqugħda, meqjusa fost l-aqwa elementi tal-Korp u vetrina tal-Maltin.

Bħala Kmandant tal-*Precision Drill Team* nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejn il-membri kollha li jiffurmawh u li bħal dejjem reġgħu għamluni tant kburi li mmexxijhom.

M'hemm l-ebda dubju li dawn l-uffiċjali dedikati qed jagħmlu ġieħ kbir lill-Korp tal-Pulizija bil-kapaċitajiet tagħhom minkejja li jridu jlaħqu mad-doveri regolari fil-ġlieda kontinwa kontra l-kriminalita' u minn hawn nawguralhom aktar esebizzjonijiet ta' *drill* u snin ta' suċċess fil-karriera tagħhom ta' uffiċjali tal-Pulizija.

# Over €19,000

**worth of limited edition Playstation consoles and games to be won*.**



over
## 50 PS3
limited edition consoles (250gig)

&

over
## 50 PS3
games

*Offer from the 8th Dec to the 24th Dec

# PLUS

## FREE HOUSEHOLD GIFTS WHEN SHOPPING



## €15
worth of household goods when spending
**€100 +**
FREE 4 (1.5 LITRE) SOFT DRINKS AND 1 PACKET OF KRISTAL WATER



## €27
worth of household goods when spending
**€200 +**
FREE 8 (1.5 LITRE) SOFT DRINKS AND 2 PACKETS OF KRISTAL WATER



## €44
worth of household goods when spending
**€300 +**
FREE 12 (1.5 LITRE) SOFT DRINKS AND 3 PACKETS OF KRISTAL WATER

**Plus 25% discount on selected Christmas recipe ingredients**

**December Extra Shopping Hours**

TUESDAY 08 December – 7.30am till 7.30pm
SUNDAY 13 December – 9.00am till 7.30pm
SUNDAY 20 December – 9.00am till 7.30pm
THURSDAY 24 December – 7.30am till 6.00pm
THURSDAY 31 December – 7.30am till 6.00pm
Normal opening hours – 7.30am to 7.30pm

**Park Towers**
**THE PRICE CHOPPER**
**SUPERMARKETS**

The Mall, Park Towers, St. Julians Tel: 2137 8520 Psaila Street, Santa Venera Tel: 2148 0807


YOUR PRINTING WILL BE READY IN NO TIME!
save
Digital Photo Printing
at affordable
prices
no minimum order required. 15cents for 6x4
save more money on bulk printing
from
only
10c
Photo gifts for all year round
THE DIGITAL FOTO STUDIO Independence Avenue Mosta
21438825 - 99491222 digital@maltanet.net


Located in the north of the island at St Paul's Bay, San Antonio Hotel & Spa is just two minutes away from the newly developed sandy beach, surrounded by various shops, restaurants, bars and nightlife. the 4 star superior hotel offers 295 comfortable rooms including 8 suites, all equipped with air-conditioning, bathroom with hairdryer, direct- dial telephone, satellite tv, mini- bar, safe and balcony or terrace.
HOTEL FACILITIES
· 1 large fresh water lagoon pool
· 1 children's pool
· Spa centre including a fully equipped gym, heated indoor pool & children's paddling pool, steam bath and hammam, saunas, 2 jacuzzi including 1 private jacuzzi, massage and beauty therapy rooms.
· Diving centre adjacent to hotel
FOOD & BEVERAGE OUTLETS
· The Costa Restaurant, offering local and international cuisine, buffet with live cooking stations.
· Café Olivier.
· The Bonaparte Bistro & Pizzeria.
· The Lobby Bar.
· The Pool Snack Bar summer only
CONFERENCE FACILITIES
Main meeting room with a capacity of over 400 delegates, several syndicate rooms and a large foyer.
SAN ANTONIO
HOTEL & SPA
★★★★
TOURIST STREET, QAWRA,
ST PAUL'S BAY SPB1024, MALTA
TEL: +356 21583434 +356 21572481
EMAIL: sales@sanantonio-malta.com
www.sanantonio-malta.com

# EULEX: Il-Missjoni tal-Unjoni Ewropeja għaż-żamma tal-ordni u l-ħarsien tal-liġi fil-Kosovo

*Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta hu rrappreżentat fil-EULEX Kosovo minn PC 40 Raymond Saliba li ngħaqad f'din il-missjoni nhar il-11 ta' Lulju, 2009 u minn PS 378 Sylvan Bonello li beda jagħti sehmu f'din il-missjoni fl-24 ta' Ottubru, 2009. Il-Kuntistabbli Raymond Saliba jaqsam mal-qarrejja ta' IL-PULIZIJA ftit ħsibijiet dwar l-għan ta' din il-missjoni u l-ħidma li qed iwettaq 'il bogħod minn xtutna. Hu qed jokkupa l-kariga ta' International Police Driver u hu stazzjonat f'Camp Lazlo, li jinsab mat-tliet mili bogħod mill-kapitali Pristina.*

Wara l-mewt tal-Mexxej tal-Yugoslavia Tito, fl-4 ta' Mejju 1980, ir-reġjun tal-Balkani minnufih inbidel f'wieħed ta' kunflitt etniku. Pajjiżi ġirien li għal snin twal kienu ħbieb u għexu fil-paċi saru l-akbar għedewwa ta' xulxin. Dan irrizulta fl-akbar kunflitt fl-Ewropa sa minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija u wieħed mill-agħar każijiet ta' ġenoċidju etniku, jiġifieri qtil tal-massa, fi żmienna.

Fl-1997 is-sitwazzjoni fil-Balkani reġgħet bdiet tbaqbaq u deher li se tiżviluppa f'aktar inkwiet meta provinċja żgħira magħrufa bħala l-Kosovo iddikjarat ix-xewqa tagħha li tikseb l-indipendenza mis-Serbja. Sa sentejn wara, kien ċar li s-sitwazzjoni marret għall-agħar u għalhekk intervjeniet l-Alleanza tat-Tramuntana, in-NATO, b'attakki mill-ajru fuq Belgrad, il-kapitali tas-Serbja. Wara sebgħin ġurnata ta' offensiva, is-Serbja ċediet. In-NATO waqfet forza militari internazzjonali bl-isem ta' Kosovo Force (KFOR) biex tiżgura s-sigurta' u l-paċi fil-Kosovo. Il-KFOR daħlet fl-azzjoni jumejn wara li n-Nazzjonijiet Uniti, f'Ġunju 1999, approvaw riżoluzzjoni dwar tmexxija temporanja tal-Kosovo. Il-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo kienet tinkludi wkoll is-servizz ta' Pulizija bis-sehem ta' uffiċjali minn diversi pajjiżi madwar id-dinja.

Il-Kosovo hi art magħluqa fl-Ewropa bi fruntieri mal-Maċedonja fin-nofsinhar, l-Albanija u l-Montenegro fil-punent, u s-Serbja fit-Tramuntana għal Lvant. Il-pajjiż jinsab mad-945 kilometru fil-grigal ta' Malta. Il-belt kapitali waħidha, Pristina, wkoll hi akbar minn Malta waqt li l-popolazzjoni tal-pajjiż taqbeż iż-żewġ miljun ruħ. Minn dawn 92 fil-mija huma Albaniżi, 5.3 fil-mija Serbi, bil-kumplament minn gruppi etniċi differenti. Il-klima hawnhekk hi marbuta ħafna mal-istaġuni, bis-Sajf relattivament sħun tant li t-temperatura titla' bejn 30 u 35°C waqt li fix-xitwa kapaċi tinżel sa -15°C b'ammont konsiderevoli ta' borra jikkaratterizza l-ambjent fuq barra. Il-borra ġieli laħqet saħansitra tliet piedi għoli.

Fl-2006, l-Unjoni Ewropea bdiet tħejji għall-eventwalita' li fil-futur tieħu f'idejha l-missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u tkun hi li tmexxi operazzjoni biex tiżgura li fil-Kosovo tinżamm l-ordni u jitħarsu l-liġijiet. Fil-fatt, tħejja pjan għat-twaqqif ta' missjoni biex tgħin lill-awtoritajiet fil-Kosovo jilħqu dawn l-għanijiet.

Żvilupp importanti seħħ fi Frar 2008, meta l-Kosovo ddikjara l-indipendenza tiegħu mis-Serbja. Eventwalment, dak li l-Unjoni Ewropea ppjanat daħal fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2008 meta bdiet taħdem il-EULEX Kosovo, li hi l-akbar missjoni ċivili taħt il-politika Ewropea dwar is-sigurta' u d-difiża. B'budġit ta' 205 miljun Ewro għall-ewwel sena u erba' xhur, il-EULEX ħadet f'idejha ħafna mill-irwoli li kellha l-missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo. Filwaqt li żammet xi poteri eżekuttivi f'oqsma sensittivi bħal kriminalita' organizzata u dik finanzjarja, bdiet taħdem favur bidla organizzattiva fejn meħtieġ. Din il-missjoni tal-Unjoni Ewropea hi magħmula minn tliet partijiet: il-pulizija, il-qasam ġudizzjarju u d-dwana.

F'dan l-artiklu se nillimita ruħi għal parti li titratta l-Pulizija fejn jien qed nagħti sehmi. Din hi ffurmata minn tliet taqsimiet. Hawn l-i*Special Police Unit* (SPU) li jagixxi f'każi ta' inkwiet, jagħti protezzjoni lil kollegi kollha li huma parti mill-EULEX u għandu l-irwol ukoll li jgħin lill-Pulizija tal-Kosovo f'ħidmiet varji.



Fil-fatt jien stazzjonat f'din it-taqsima, l-SPU, fil-kariga ta' *International Police Driver*. Nirrapporta għax-xogħol f'kamp Lazlo, li jinsab mat-tliet mili fil-punent ta' Pristina, il-belt kapitali tal-Kosovo. Hemm imbagħad żewġ taqsimiet oħra: dipartiment li hu nkarigat biss mill-investigazzjonijiet ta' kwistjonijiet sensittivi bħal kriminalita' organizzata u krimini tal-gwerra, u dipartiment ieħor li jagħmel xogħol relatat mal-operat fi ħdan il-EULEX. Dan tal-aħħar għandu l-akbar staff li mhux ġejjin biss mill-istati membri tal-Unjoni Ewropea iżda jinkludi wkoll uffiċjali tal-Pulizija mill-Istati Uniti, it-Turkija, il-Kroazja, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Kanada. Fl-aħħar xhur, dan id-dipartiment kien involut f'eżerċizzju ta' analiżi dwar kif taħdem il-Pulizija tal-Kosovo, biex ħareġ bi proposti li għandhom iġibu bidla fil-qafas organizzattiv ta' dan il-korp. Din hi parti essenzjali mill-ħidma tal-missjoni




biex niżguraw li l-Pulizija tal-Kosovo qegħdin verament ikunu ta' servizz għal kulħadd u jaħdmu mingħajr ebda indħil politiku.

Il-Kap tal-EULEX Kosovo hu Yves de Kermabon. Hu kien uffiċjal fil-militar Franċiż. Hu kien ukoll kap tal-forza tan-NATO fil-Kosovo, il-KFOR, u għalhekk għandu għarfien tajjeb ħafna ta' din iż-żona. Fit-tnedija tal-missjoni, is-sena li għaddiet, hu stqarr li "l-għanijiet tagħna mhumiex se jinkisbu mil-lum għal għada. Nista' nassigurakom iżda li aħna ffukati, aħna determinati u aħna se nagħmlu differenza". Il-missjoni għandha l-appoġġ tas-sebgħa u għoxrin stat membru tal-Unjoni Ewropea. B'kollox il-missjoni għandha mad-war 2,500 persuna fosthom imħalfin, avukati, uffiċjali korrettivi, uffiċjali tad-dwana u Pulizija li għandhom snin twal ta' esperjenza fil-qasam rispettiv tagħhom.

Ħaġa waħda hi ċerta hawnhekk. Kull membru tal-missjoni jemmen li hemm lok ta' ħafna aktar titjib fil-qagħda tal-ħarsien tal-liġi fil-Kosovo. Nemmnu wkoll b'qawwa li l-EULEX trid tgħin biex dan l-għan jintlaħaq.

Fuq nota personali, il-kontribut tiegħi fi ħdan il-missjoni EULEX Kosovo qed inwettaqha fil-kariga ta' *International Police Driver*, b'appoġġ lill-kollegi kemm fl-SPU kif ukoll fiż-żewġ dipartimenti l-oħra tal-Pulizija. Fi ħdan l-SPU, fejn jien stazzjonat, għandi kuntatt kontinwu ma' grupp ta' Pulizija mħarrġa biex jintervjenu f'ċirkustanzi ta' inkwiet jew tensjoni, uffiċjali li jagħtu protezzjoni lil nies f'kariga importanti, u ma' Pulizija fit-taqsimiet tal-isplussiv u tal-klieb. Fil-fatt, jien għandi r-responsabbilita' għaż-żamma f'kundizzjoni tajba tal-vetturi tas-sigurta' biex jintużaw skont kif meħtieġ u fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata. Il-vetturi li nużaw, magħrufa bħala NYALA, huma għodda essenzjali għall-uffiċjali tal-Pulizija biex naslu fi kwalunkwe parti tal-Kosovo fl-inqas ħin possibbli u b'sigurta' għalina. Dawn il-vetturi li jiswew mal-130,000 Ewro 'l waħda huma attrezzati bl-aħħar tagħmir għal żoni ta' kunflitt. Biex tiżgura li din il-flotta ta' vetturi flimkien ma' oħrajn hi dejjem lesta għal li jista' jinqala', titlob ħafna sforz u ħin. Barra minn hekk, jien naqdi wkoll id-dmirijiet ta' xufier għal uffiċjali għolja tas-SPU, xogħol li jeħodni f'kull parti tal-Kosovo u kultant f'żoni li potenzjalment huma perikolużi. F'dan ix-xogħol dejjem trid tkun attent biex tiżgura li tasal fid-destinazzjoni malajr imma aktar importanti li naslu qawwijin u sħaħ. Nistqarr li hu ta' sodisfazzjon għalija ninnota li l-ħidma tiegħi hawnhekk hi apprezzata ħafna mill-kollegi u l-uffiċjali minn pajjiżi differenti li qed jagħtu sehemhom fil-EULEX Kosovo. Dan l-apprezzament ma nieħdux fi spirtu personali, iżda nikkunsidrah li hu ndirizzat lejn il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, li lilu qed nirrappreżenta fil-Kosovo. Inħossni kburi li qed nifforma parti mill-missjoni EULEX Kosovo u nagħmel ħilti biex minn hawnhekk nagħmel isem lil art twelidi: Malta.

Għal aktar tagħrif dwar il-EULEX, idħol fis-sit www.eulex-kosovo.eu



## Experience the opera channel on a Denon DF-107DAB+ receiver

**DISCOVER THE WONDERFUL WORLD OF THE CLASSICS ON THE OPERA CHANNEL, ONLY ON DAB+ DIGITAL RADIO.**



**Denon D-F107DAB+**
exclusively available from astral Ta'Xbiex

Opera CHANNEL

DigiBNETWORK

visit www.dab.com.mt for more info

DAB+

# TANTI OPTICIANS
## SPECIAL PROMOTIONS



Open your eyes to...

LINE FREE VARIFOCAL LENSES

**Corrects for distance, intermediate and close vision all in one.**

**Special Promotional Price From**

€67.55

Lm29

Inclusive of frame and varifocal Lenses.

*Terms & Conditions Apply

***CLEARLY YOUR BEST BUY IN SIGHT***

**Offer exclusively available from:**

Valletta – St. John's Square. Tel: 2124 5931, 2122 2994
Sliema – 8, Tigne Street, Tel: 2133 5232
B'Kara – 3 Mannarino Road, Tel: 2149 8029
Paola – 34, Paola Square. Tel: 2182 1583
Eye Specialist in Attendance Tel: 2124 5931 or 2122 2994 for an appointment.

Tanti Opticians

# James Caterers

*The name you can trust*

Velleran Street Fgura FGR 1900
Tel: +356 21896290 Fax: +356 21896371
Website: www.james-caterers.com
Email: sales@james-caterers.com










IL-QRONFLA
info@qronfla.com • www.qronfla.com
FRANCESCO FENECH
HALMANN
KINDS MERCEDES
ALFA PRINT
IL-QRONFLA CHRISTMAS SHOP WE'RE HERE
how to find us...
QRONFLA CHRISTMAS SHOP
Pantar Road, Mosta Tel: 2142 4570
Pavi Shopping Complex Level 1, Car Park Qormi Tel: 2144 6023
Main Street, Balzan Tel: 2744 4750
Zabbar Road, Paola Tel: 2724 8496


Apollo
Super Premium Quality Complementary Pet Food for Dogs
Happie-Duo
Kleine Happen
NIBBLES WITH BEEF
5 TWISTED STICKS
BEEF, LAMB & CHICKEN
Nibbles with Beef
Chewing strips with Beef & Liver
Twisted Sticks with Beef, Lamb & Chicken
Collect packet and exchange for gifts at:
CD Gift Scheme Centre,
Vincenti Buildings,
15/2 Strait Street,
Valletta.
Tel: 2123 6629
Trade Enquiries
Tel: 2146 0375
CD
GIFT SCHEME
A BETTER WAY TO SAVE

# L-Importanza ta' komunikazzjoni tajba

It-Tieni Parti

Dr. Rose Anne Cauchi Cuschieri

Fl-aħħar ħarġa tkellimt kif organizazzjoni ma tistax timxi 'l quddiem jekk ma jkunx hemm komunikazzjoni tajba f'kull livell. Illum ser inkompli nespandi fuq dan is-suġġett għax nemmen ħafna li komunikazzjoni tajba hija bħall-arja li nieħdu kull mument ta' ħajjitna u li mingħajra ma nistgħux ngħixu.

Fil-Korp tal-Pulizija il-komunikazzjoni tiġri fuq tlett livelli:

- Mas-superjuri
- Mall-kollegi ta' l-istess rank
- Mas-subordinati li jinkludu kemm dawk ta' rank jew seniority anqas, kif ukoll il-pubbliku inġenerali.

Minħabba li huwa korp iddixxiplinat, allura l-komunikazzjoni timxi minn livell għall-ieħor. Dan għandu żvantaġġi u vantaġġi: Hemm il-vantaġġ li l-informazzjoni timxi b'mod eżatt u meqjus, biss hemm l-iżvantaġġ li jew teħel x'imkien, jew tintilef xi parti minnha jew tieħu żmien itwal biex tasal.

Meta l-Pulizija tiġi biex tikkomunika mal-pubbliku, hawnhekk hija storja differenti. Għal dawn l-aħħar snin inħoloq is-CMRU u dan qed iservi, b'mod eċċellenti, biex ikun kuntatt effettiv mal-pubbliku inġenerali. Biss meta tiġi fuq bażi personali, komunikazzjoni tajba tkun trid issir minn kull membru tal-Korp. Jekk teskludi l-pubbliku mix-xogħol tal-Pulizija x'jibqa'? Għalhekk huwa importanti li l-membri tal-Korp ikollhom *communication skills* tajba. Fil-fatt anke ġewwa l-Akkademja qed jingħata taħriġ ta' dan is-suġġett f'kull livell. Anke fuq l-aktar bażi sempliċi, Kuntistabbli qed ikellem membru tal-pubbliku, jitlob li l-messaġġ jasal b'mod ċar u konkret. U għal din ir-raġuni, il-Kuntistabbli jrid ikun *aware* ta' fatturi li jistgħu jgħinu fil-komunikazzjoni u ta' fatturi oħrajn li jistgħu jtellfu:

- *Filtering*: il-moħħ tagħna jiffiltra l-informazzjoni li tasallu; huwa għalhekk li ċertu affarijiet nibqgħu niftakruhom aktar mill-oħrajn għax iħallu impatt akbar fuq moħħna u fuq l-emozzjonijiet tagħna. Dawn ta' l-aħħar għandhom effett qawwi ukoll għax ħafna drabi l-emozzjonijiet tagħna huma l-effett ta' l-esperjenzi li nkunu għaddejna minnhom. Kulħadd għandu l-pakkett ta' l-esperjenzi u l-ġrajjiet tal-passat u dawn, ftit, jew wisq, iħallu mpatt fuq kif naħsbuha u fuq kif nħarsu lejn il-ħajja inġenerali.

- *Il-kliem*: ċertu kliem jista' jkollhom tifsir varju għal persuni differenti. Per eżempju il-kelma koċċ, għal ċertu nies tfisser ftit fil-waqt li għall-oħrajn tfisser ħafna. U dan huwa eżempju sempliċi. Min jaf kemm ikun hemm kliem li għal persuna ma jfissru xejn filwaqt li għal ħaddieħor ikollhom tifsira qawwija jew ikkomplikata.

- -inkonsistenza bejn dak li qed jingħadd verbalment u in-*non verbals*, jiġifieri dak kollu li jingħad minn *non verbal communication* tal-persuna. Huwa interessanti li wieħed iżomm f'rasu li r-riċerka turi li aħna 7 fil-mija biss tal-komunikazzjoni tagħna tgħaddi permezz tal-kliem!!! 33 fil-mija tal-komunikazzjoni tagħna ngħadduha permezz tat-*tone of voice* li nużaw u fl-aħħarnett 60 fil-mija tal-komunikazzjoni ngħadduha permezz tan-*non verbals*: kif nilbes, kif niċċaqlaq, nimxi; espressjoni ta' wiċċi, ecc. Issa jista' jiġri li jkun hemm diskrepanza bejn dak li qed ngħid verbalment u dak li n-*non verbals* tiegħi jkunu qed juru: per eżempju qed ngħid lil persuna li qed nismagħha waqt li nkun qed inħarbex fil-mobile tiegħi, jew waqt li fl-istess ħin niddeċiedi li nagħmel telefonata....

- *Nuqqas ta' ħin*: iva din hija problema għax waqt li forsi nkunu nixtiequ nagħtu ċertu ammont ta' ħin lill-persuna oħra biex nisimgħuha (*listen* mhux) inkunu mgħaffġin bil-ħin u bit-*time pressures* tax-xogħol li ma jħalluniex niddedikaw daqstant ħin lin-nies li jkollhom bżonn l-attenzjoni tagħna.

Għal din ir-raġuni, kull membru tal-Korp għandu jkollu l-komunikazzjoni tajba bħala waħda mill-prijoritajiet tax-xogħol; għandu jaddatta attitudni *open* mal-pubbliku u fuq kollox mal-kollegi u mas-superjuri u għandu joħloq ambjent li jgħin li ssir komunikazzjoni bl-aħjar mod possibli. Kien jgħid *Wisenand*, wieħed mill-kittieba ewlenin fuq ix-xogħol tal-Pulizija, *"Communication is a police officer's most important skill."* għax mingħajr din l-għodda ix-xogħol ma jistax isir b'mod effettiv.

---

**Il-Ħadd l-1 ta' Novembru l-Korp tal-Pulizija fakkar il-membri mejtin tiegħu permezz ta' quddiesa li kienet iċċelebrata fil-kappella taċ-Ċimiterju tal-Addolorata.**

Il-funzjoni kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Fr Ray Bonnici OFM fejn attendew għaliha l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr Carmelo Mifsud Bonnici, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern Mario Debattista, membri mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, l-Għaqda Pensjonanti, l-*International Police Association* u membri oħra mill-Korp tal-Pulizija. Preżenti kien hemm ukoll qraba u diversi nies oħra li attendew għal din il-funzjoni.

Wara l-quddies iċ-ċelebrazzjoni kompliet fuq il-qabar tal-Korp permezz ta' parata li kienet immexxija mill-Ispettur Stephen Mallia fejn wara tqegħdu bukketti ta' fjuri mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Ministru u membri mill-Għaqdiet imsemmija hawn fuq. Inqraw ukoll xi ħsibijiet minn familjari li għadhom kif tilfu lil qraba tagħhom.

Iċ-ċelebrazzjoni ġiet fi tmiemha wara li ndaqet il-Last Post u saret minuta silenzju fejn wieħed seta' jirrifletti ftit u jitlob għal qraba tiegħu f'jum dedikat għal ħutna l-mejtin.



JAMON TRADING
POWER ASSISTED PEDAL CYCLES
WE CAN FIT Good quality Engine kits. Different models to choose from small to large, CE/EPA /ADT approved including the new style gas throttle kill switch, chain tensioned roller bearing and more...
Sales – Motorised Bicycles - Bicycles - Accessories - Parts - Repairs
Engine kit parts are available from stock.
New stock of bicycles.
Christmas offer 25% discount including government rebate on all bicycles + free gift with every bicycle till stock last on presentation of this advert
CE approved
JAMON
DIFFERENT MODELS TO CHOOSE FROM
FREE helmets WITH EVERY MOTORIZED
24, Triq il-Qadi, Zejtun • Tel: 7972 9069
www.jamoncycles.com
December opening hours from
Mon to Sat 9.00 till 12.00 from 16.00 till 19.00




EXPRES
ROAD
SEA
AIR
TRAVEL
Total Logistic Solutions
Emmanuel Vella & Sons LIMITED
EXPRESS TRAILERS
EXPRESSFREIGHTS
Eyre Travel Ltd
VELBRO HOUSE, QORMI ROAD, LUQA LQA 9040, MALTA. Tel: +356 2124 2311
www.expresstrailers.com


LU
new look
LU PiM's
ORANGE
150 G
LU PiM's orange
with Belgian Chocolate
Same Great Taste
PiM's


Regain your HAIR
BEFORE
• Eurocosmetic Hair Replacement EHR is NON-SURGICAL
• You can style and gel your hair as in the past
• You can swim and play sports
• Suitable for both men and women
• Costs much less than you think
• Regain your confidence
• Satisfaction guaranteed
• We accept most credit cards
Phone or call:
AFTER
WHY PAY MORE?
Eurocosmetic Clinics Ltd.
6, Charles Court, St. Luke's Rd., G'Mangia PTA 1027
Tel: 2123 0155, 2169 3676
Fax: 2169 3515
CUT OUT THIS ADVERT AND ASK FOR OUR SPECIAL OFFER
All enquiries will be treated with strict confidentiality


MOTOROLA
Authorized Distributor
PHONAK
life is on
the best in covert communication
P.A.L. Pace Associates Ltd
134, Stefano Zerafa Street, Marsa.
Tel: 21247111 - info@palmalta.com
www.palmalta.com

----Original Message-----
From: customercare.mjha@gov.mt
Sent: 10 July 2009 21:04
To: Customer Care at MJHA
Subject: Online Feedback Form

Name: Mario Micallef

Comments: nota zghira, biex nuri l-apprezzament tieghi,ghall-kuncert li sar il-bierah, f'Dar Il-Mediterran.Stupend, ma jkunx bizzejjed, ma nistax insib kelma ,biex niddeskrivi dak li sar.Nixtieq li dan il-kumment jghaddi ghand is-Sur Anthony Cassar,is-surmast Direttur tal-orchestra, ghax ma nahsibx li ghandna nibqghu nsejhulha banda tal-pulizija, izda orchestra celebri.Prosett Sur Cassar,il-bierah geltni nhossni kburi li jiena malti,ghandna biex inhabbtuha mal-barranin x'hin iridu.

dejjem tieghek,
Mario Micallef.

# Jirringrazzja

F'isem il-President u l-Kumitat tal-Ghaqda Mużik[ali Mount] Carmel tal-Gżira nirringrazzja lill-Pulizija kollha gha[...] professjonali u eċċezzjonali li taw matul il-ġimgha ta[...] ċċelebrata bejn is-6 u t-12 ta' Lulju fil-Gżira.

Ringrazzjament speċjali lill-Ispettur Jesmond Micall[...] Maġġur Raymond Zammit tal-koperazzjoni u tat-team[...] hdimna bih ghax bis-sahha taghhom u ta' kif mexxew [...] et b'mod professjonali u dixxiplinat, kellna festa organi[...] success.

**Stephen** [...]
Se[...]
Ghaqda Muzikali Mount [...]
Il[...]

In-Nazzjon: It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2009 - Page 12

The Sunday Times 26 July 2009 - Page 90

## Appreciation...

Maypole

The Chairman and Directors of Maypole (Shops) Ltd. would like to express their warmest thanks to all the individuals who offered their support in any way during the unfortunate incident that occurred on the 20th July, 2009. A special thanks goes to the Police-Corps, particularly the mobile squad, neighbours as well as passers-by for their immediate assistance. We would also like to express our gratitude to the Civil Protection Department personnel, doctors, nurses and paramedics for their invaluable aid. Finally, we would like to thank the Iklin Parish Priest for his moral support.

*The Board of Directors*

Thank you

23/06/09

F'isem l-istaff u l-klijenti kollha tac-Centru ghall-Persuni b'Dizabilita ta' Hal-Far nixtiequ nghidulek GRAZZI talli ghogbok tibghat rapprezentanti mis- sezzjoni tal-Klieb, tat-Traffic u tal-Mobile. Flimkien dawn taw wirja li giet ferm Apprezzata mill-Klijenti li jattendu hawnhekk.

Grazzi

Mr.Ronald Galea
Kap tac-Centru

The Commissioner of Police
Police Headquarters
Floriana
Malta
G.C.

June 12th 2009

Dear Sir,

I feel I must write to you regarding the care given to me from P S 524 Paul Cassar and P C 59 Tony Salibe who stayed with me And offered to take me to Hospital until my friends arrived, and contacted All the appropriate people, when a Large Skip Lorry went into the back Of my Electric Wheelchair on Tower Road, Sliema.

I am Disabled and was staying at the Preluna Hotel, on May 19th 2009.

Also to PS 778 David Sant, who traced me to Mater Dei Hospital Birkirk who showed great concern, and gave information for the Court Case at Valletta.

Yours faithfully

Sheila Pritchard (Mrs)

**CMRU at POLICE**

**From:** Audrey Azzopardi
**To:** CMRU at POLICE
**Cc:** Winston Azzopardi (Vol)
**Subject:** Thank you
**Attachments:**
**Sent:** Tue 10/11/2009 14:37

Dear Sergeant Carol, Roberta(WPC 255), Charlene(WPC 25) and Roberta(WPC 101)

On behalf of the production of "Il Commissario Rex" I would like to thank you for your full cooperation during our filming.

Your patience and kindness was greatly appreciated. Your help has been invaluable during our shooting.

The whole crew is also very grateful because your professionalism helped us facilitate our filming.

We look forward to future collaboration.

Regards

Audrey Azzopardi
Production Co Ordinator (Malta)
COMMISSARIO REX
LATINA PICTURES Ltd.
Production Office

Friday 5th June 2009.

The Commissioner of Police
Police Headquarters Floriana.

Subject Qormi Police Station (Shelter)

Dear Commissioner,

I the undersigned would like to express my gratitude and appratiation for the works done at the shelter beneath the Qormi Police Station.

May I thank you and all the policemen and women who took part and dedicated their time to organise such shelter.

In doing so we thank you once again as we encourage you to keep up the good work.

Regards

Josephine Magro

Josephine Magro

## Great assistance for filming of Rex

